**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 31, 214, 216 (1) (a), (d), 218 (1) (a), 218 (2), 336 (dd) u 533**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

*Kump. Nru.: 176/2013*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**(Spettur Stephen Saliba)**

**vs**

**KENNETH MICALLEF**
**(Karta tal-identita' numru: 177787M)**

**Illum 16 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **KENNETH MICALLEF** ta' hamsa w ghoxrin (25) sena, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 177787(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-17 ta' Frar, 2013 ghall-habta tat-8.30 ta' wara nofsinhar waqt li kien gewwa l-kazin tal-Partit Laburista sitwat fi Triq San Pawl, Rabat, Malta:-

1.Dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Ivan Attard jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w'indipendenti mill-volonta' tieghu.

2.Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Attard skond kif gie ccertifikat minn Mr. Antoine Zrinzo MD tal-isptar Mater Dei.

3.Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-istess Ivan Attard, liema offizi x'aktarx jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh, tal-imsemmi Ivan Attard.

4.Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna li l-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. SM1 li jinsab a fol. 6, fedina penali mmarkata bhala Dok. SM2 a fol. 7 et seq., okkorrenza mmarkata bhala Dok.

SM3 a fol. 9 et seq., u zewg (2) stqarrijiet tal-imputat immarkati bhala Dok. SM4 u Dok. SM5 rispettivament a fol. 13 et seq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef b'mod temporanju u b'digriet iehor tal-Prim Imhallef tal-20 ta' Novembru 2016 sabiex din il-kawza tibqa' tinstema' minnha b'mod permanenti.

Illi nhar is-6 ta' Marzu, 2013 xehdet l-**Ispettur Sarah Magri** u spjegat illi nhar is-sbatax (17) ta' Frar ghall-habta tad-disgha u nofs (9:30) giet infurmata li kien hemm glieda gewwa l-Kazin tal-Labour gewwa r-Rabat, Malta. Minn fuq il-post qalulhom li kien hemm xi persuni li kellhom xi griehi. Dak il-hin bhala griehi ma setghux jidentifikaw ezattament x'kienu izda kien jidher li kien hemm it-tlett (3) persuni li kienu nvoluti fi glieda kienu qeghdin gewwa l-Kazin tal-Labour, u tnejn minnhom li setghu jitkellmu u jikkomunikaw mal-pulizija. Fil-fatt wiehed ma setax jikkomunika mal-pulizija. Ghall-bidu l-pulizija u s-surgent li kien hemm fuq il-post haseb li kien jinsab f'xi sakra ghaldaqstant gie ssuggerit li tigi ambulanza fuq il-post. L-ambulanza waslet fil-post u hadet lil certu Ivan Attard gewwa l-isptar Mater Dei fejn dan kien gie iccertifikat li kien fil-periklu tal-mewt. L-istess certifikat gie esebit minnha u markat bhala Dok. MP1.

Minn hemmhekk il-pulizija bdew l-istharrig taghhom fejn hija bdiet titkellem mal-*barman* certu Herbert Vassallo kif ukoll ma' Maria Vassallo. Ghall-bidu kienu dawn irrilaxxaw stqarrija mal-Ispettur tas-

CID Keith Arnaud. Dawn kienu ssemmew li kien hemm certu persuni gewwa l-Kazin, fosthom Kenneth Micallef li gharfet prezenti fl-awla. Dan ittiehditlu stqarrija nhar it-tmintax (18) ta' Frar ghall-habta tas-sitta u kwart ta' filghaxija (6:15pm). Dan inghata d-dritt ghall-Avukat izda rrinunzja. Id-dikjarazzjoni ta' rinunzja ghad-dritt tal-Avukat giet esebita bhala Dok. MP2. Ghazel li jirrilaxxa stqarrija li giet immarkata bhala Dok. MP3.

F'din l-istqarrija Kenneth Micallef stqarr mal-pulizija illi dakinhar kien prezenti gewwa l-Kazin tal-Labour li jinsab gewwa r-Rabat fejn hemmhekk jghid li gharaf lil certu Ivan Attard, Alfio Attard u Shirley Camilleri. Huwa stqarr illi l-glieda bdiet meta Alfio Attard kien hebb ghall-habib tieghu certu Christian Gauci. Nicholas Gauci, li jigi hu Christian, intervjena biex jipprotegi lil huh Christian Gauci u dan billi laqa' il-flixkun li kellu Alfio f'dejh. Micallef kompla jirrakkonta li meta Ivan Attard ra li qisha bdiet glieda, kien ha jintervjeni biex jaqbez ghal shabu u kien anke se jhebb ghalih. Kompla li hu min-naha tieghu kien laqa' il-flixkun, billi tajjarlu minn idejh u anke tah daqqtejn bic-catt.

L-Ispettur kompliet tixhed li dak il-hin ma dehrilhiex li kellha tarresta lill-imputat peress li kompliet taghmel l-investigazzjonijiet taghha. Tghid pero' li nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar, 2013 hija talbet lilll-imputat sabiex imur gewwa l-Ghassa tal-Marsa sabiex terga' tehodlu t-tieni stqarrija u dakinhar kien gie arrestat. Huwa rega' rrinunzja ghad-dritt ghall-Avukat ghalkemm ghamluhielu cara li kien hemm cans li kienu ser johorgulu akkuzi fil-konfront tieghu ghaliex kien ikkawza ferita

fuq il-pesuna ta’ Ivan Attard, izda hu xorta wahda ghazel li jirrinunzja ghad-dritt tal-Avukat, kif jidher mid-dokument esebit u markat bhala Dok. MP4. U dakinhar ukoll l-imputat kien irrilaxxa t-tieni stqarrija mal-pulizija li giet markata bhala Dok. MP5. F'din l-istqarrija huwa kkonferma li l-pulizja regghet kellmitu fejn rega' kkonferma li dakinhar kien ta daqqtejn lil Ivan bic-catt. Qal ukoll li kien hemm xi persuni, li m'humhiex maghrufa mal-pulizija, li kaxkru lil Ivan Attard ‘il barra mill-Kazin u dan spicca barra fit-triq.

L-imputat kompla jghid li Ivan Attard beda jkellmu u beda jghidlu li qed jaghrfu u li kien sejjer ghalih. Qallu wkoll li barra kien ra lil certu Sylvester, li seta' kien hu li kien kompla l-glieda fuq barra. In segwitu’ ghalhekk il-pulizija baghtu ghal certu Sylvester li huma hasbu li kellu kunjomu Zahra u dan ukoll gie arrestat. Il-pulizija ghamlet konfront bejn Kenneth Micallef u Sylvester Zahra. Meta sar dan il-konfront, Kenneth Micallef iddikjara li din il-persuna ma kienx Sylvester Zahra li kien barra, u ghalhekk il-pulizija baqghu ghaddejjin bl-investigazzjonijiet taghhom biex jaraw min kien Sylvester. Tispjega li sa dakinhar li xehdet kien ghadu ma rrizultalha l-ebda persuna bid-deskrizzjoni li taha l-imputat u cioe’ dwar il-persuna li kien prezenti fil-Kazin tal-Labour u li Micallef qal li rah jaghti bis-sieq. Dan il-konfront gie mmarkat bhala MB6.

Mistoqsija jekk mix-xhieda li hadet u mill-investigazzjoni li ghamlet irrizutalhiex min effettivament beda jaghti lil Ivan bis-sieq, ix-xhud spjegat li kienet ikkonfermat li fuq gewwa tal-kazin kien Kenneth Micallef u tghid li fil-fatt anke l-imputat stess kien ammetta li tah

daqqtejn bic-catt. Pero' fuq barra kien ghadu ma rrizultalhiex li kien hemm persuna ohra li bdiet ittih. Mitluba ssemmi ma' min tkellmet u minn fejn irrizultalha dak li qalet, spjegat li din l-informazjoni haditha minghand certu Maria Vassallo u u Herbert Vassallo. Herbert Vassallo kien il-barman tal-kazin u Maria Vassallo hija martu. Hija spjegat li dawn qalulha li raw tgegwigija ta' nies, imma dak il-hin jghidu li raw lil certu Kenneth Micallef maghruf bhala 'Il-Buga' isabbat lil Ivan Attard mal-kaxxa tas-sigaretti li kien hemm fil-vicinanzi. Herbert fl-Istqarrija tieghu li anke giet guramentata, anke kkonferma li rah (b'referenza ghall-imputat) itih daqqiet ta' ponn go rasu u Maria Vassallo stqarret li rat lil Ivan Attard ghar-rkupptejh quddiem l-imputat fejn l-imputat dak il-hin beda jaghmel xi mossi b'idejh li pero' hi ma setghetx tara ezattament x'kienu ghaliex kellu dahru lejha.

Minn xhieda ohrajn li gabru minghand nies ohrajn, hadd ma qal li ra aktar il-kommozzjoni. Spjegat li dak il-hin kien hemm kommozzjoni kbira gol-Kazin u kullhadd beda jipprova jara kif ha johrog 'il barra mill-Kazin.

In kontro-ezami spjegat li kien hemm kommozzjoni fil-Kazin u li kien hemm hafna nies, bejn hamsin (50) u sebghin (70) ruh. Ikkonfermat li mill-investigazzjoni u mid-domandi li ghamlet lill-imputat Kenneth Micallef, dan kien stqarr maghha illi lill-allegat vittma Ivan Attard kien tah bic-catt go wiccu wara illi dan mar ghalih bi flixkun imkisser. Spjegat li Kenneth Micallef kien flimkien ma' certu Christian Gauci u Nicholas Gauci li huma ahwa. Ftit il-boghod minnhom bhala klikka ohra kien hemm certu Alfio Attard, Ivan Attard u t-tfajla tieghu certu

Shirley Camilleri. Pero’ ccarat li Shirley Camilleri dak il-hin ma kienitx ezattament hdejhom, izda kienet qed tizfen ftit ‘il boghod minnhom. Din ittantat lil Christian Gauci, izda dan ma tax kasha. Christian Gauci kien qieghed fil-kumpanija tal-imputat. Ghalkemm dan ma tax kasha, Alfio Attard, li kien maghha, avvicina lil Christian Gauci li kien mal-imputat fejn qallu certu kliem. L-unika haga li Christian Gauci qal li qallu Attard, hi kif indikata fl-istqarrija li rrilaxja u cioe’ li "*jien mill-Marsa*". Qalet li Gauci hadha li b'xi mod kien qed qisu jheddu biex ihalliha bi kwietha jew affarijiet hekk. Christian Gauci dak il-hin ma tax kasu lil Alfio Attard, fil-fatt tah dahru u kien ha jimxi lejn huh Nicholas Gauci. Dak il-hin Nicholas Gauci ra lil Alfio Attard jaqbad flixkun, li ma jafx jekk kienx imkisser jew le, u kien ha jaghti daqqa lil Christian Gauci. Nicholas Gauci mbotta lil Alfio Attard ‘l hemm. Mistoqsija jekk Nicholas Gauci u Christian Gauci kienux qeghdin fil-kumpanija ta' l-imputat spjegat li kienu klikka wahda. Mistoqsija jekk tafx fejn kienu z-zewg klikek dak il-hin li Alfio Attard, wiegbet li kienu ftit ‘il boghod mill-bar.

Spjegat kif inhu mqassam il-Kazin, cioe’ li hemm il-*bar* fuq naha, il-*billiard* fin-nofs u l-kaxxa tas-sigaretti man-naha tat-twieqi jigifieri n-naha l-ohra fejn originarjament kienu Ivan Attard u shabu. Qalet li kienu biss ftit passi ‘l boghod minn xulxin. Tenniet li Alfio Attard mar biex ihebb ghal Christian Gauci, Nicholas Gauci ddefenda lil huh bil-konsegwenza li Alfio Attard kien waqa' mal-art. Fuq mistoqsija tad-difiza regghet spjegat li l-vittma mar bil-flixkun ghal Christian u Nicholas iddefenda lil huh billi waddab lil Alfio Attard mal-art.

Jigifieri l-ewwel impatt kien min-naha ta' Nicholas. Hawnhekk Ivan Attard, li jigi n-neputi ta' Alfio Attard, x'hin ra lil Alfio mal-art, qabad flixkun u kien ha jhebb ghall-imputat. Hija spjegat li ma tafx ezattament ma' fejn kisser il-flixkun, pero' tghid li skond ma jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu, rah ikisser il-flixkun biex jattakkah . L-imputat jghid li hu tah bic-catt. Fil-fatt ikkonferma li dak il-hin habtu mal-magna tas-sigaretti mbaghad kif irrizultalha mill-istqarrijiet ta' Maria Vassallo u Herbert Vassallo, l-imputat kompla itih fuq il-post. Spjegat li dawn iz-zewg stqarrijiet kienu lkoll bit-twissija tal-Avukat u t-tnejn li huma gew esebiti. Hija spjegat li s-Sinjuri Vassallo kellmuha wara l-incident ghaliex dak il-hin il-Kazin inghalaq mill-ewwel. Huma fil-fatt ivverifikawlha li l-magna tas-sigaretti fejn gara l-incident, ma setghetx tahdem, jigfieri kienet bil-hsara bid-daqqa li qalghet.

Rigward il-kwistjoni li fejn qalet li Ivan Attard qabad il-flixkun u mar ghall-imputat, ikkonfermat li apparti li din tissemma fl-istqarrija li giet esebita, hija wkoll korroborata mill-versjoni li tawha l-ahwa Gauci li kienu flimkien mal-imputat.

Illi nhar is-6 ta' Marzu, 2013 xehed **Robert Bugeja** u esebixxa il-Proces Verbal redatt mal Magistrat Dr. Audrey Demicoli li gi markat bhala Dok. RB1.

Illi nhar is-6 ta’ Marzu, 2013 dehret **Maria Vassallo** u spjegat li hija ghadha kif inghatat it-twissija skond il-Ligi mill-Qorti u ghazlet li ma tixhidx ghax tista' tinkrimina ruhha.

Illi nhar is-16 ta' Dicembru, 2013 xehdet **Maria Vassallo** u spjegat li huma ghandhom il-*bar* tal-Kazin Laburista tar-Rabat. Iddeskriviet li l-post huwa ftit ikbar mill-Awla u dakinhar kien hemm xi sebghin (70) ruh. Dakinhar tiftakar li kien hemm il-*meeting* tal-Labour u kienu maghluqin. Ftit wara l-*meeting* fethu l-kazin u bdew gejjin in-nies. Kien hemm bhal *disco.* Wara certu hin inqala’ panik. Qalet li dak il-hin li nqala’ l-panik hija kienet xoghol wara l-bar. Mitluba tispjega x’setghet tara spjegat li minn wara l-bar tara kollox imma l-post kien daqsxejn mudlam. Hija spjegat li hija tiftakar li rat hekk bhal *queue,* bhal panik u kienet qed thares hekk u bdiet tisma' id-DJ jghajjat “Buga, Buga, *security* ghax hawn glieda”. Harset u rat panik hdejn il-magna tas-sigaretti. Hija spjegat li meta qed tghid Buga hija qed tirreferi ghal-laqam ta’ l-imputat. Pero’ spjegat li s-*security* ma kienx imqabbad minnhom u aktarx li bdew jghajtu lill-imputat ghax jafu li hu *security*. Mistoqsija x’setghet tara fejn il-magna tas-sigaretti spjegat li fil-genn u fid-dlam rat biss il-magna tas-sigaretti ticcaqlaq u kullhadd hareg ‘il barra. Qalet li l-magna tas-sigaretti bdiet ticcaqlaq minhabba n-nies li kienu mdawrin maghha. Mistoqsija min kien hemm imdawwar maghha dak il-hin spjegat li ma tafx ghax kien hemm hafna nies. Qalet pero’ li taf li l-akkuzat u l-vittma kienu fosthom, x'hin harguhom kollha l-barra kien hemm hafna nies, dak il-hin.

Mitluba tghid x'kienet id-deskrizzjoni ta' x'rat ezattament hija spjegat li kif diga' qalet rat u semghet jghajjat lid-DJ bil-*microphone* jghajjat 'Buga, Buga' w mar ghalih u hadu fejn il-magna tas-sigaretti u minn hemm kien ghamel panik. U minn hemm imxew kollha 'l barra.

Ikkonfermat li meta d-DJ beda 'Buga, Buga, *security', hija rat lill-imputat 'faccata'* u *'mar biex jintervjeni'*. Mistoqsija ghalfejn kellu jintervjeni hija spjegat '*li ma tafx x'kienet l-intenzjoni'*.

Mistoqsija jekk kienx hemm xi raguni partikolari ghalfejn id-DJ ghajjat Buga, Buga, *security* spjegat li ma tafx ghala ghajjat hekk! Kieku qabbditu bhala *security* kienet tkun taf forsi. Mistoqsija x'kienet qed tara quddiemha meta d-DJ ghajjat 'Buga, Buga, *security'* spjegat li kienet qeghda tahdem wara l-*bar*, kien mimli nies, kulhadd jixrob normali w ma kienx hemm glied. Regghet spjegat li kienet wara l-bank taqdi n-nies, f'xi hin id-diski tbaxxew u semghet lid DJ jghajjat 'Buga, Buga, *security'*. Hija rrimarkat li la beda jghajjat 'Buga, Buga, *security'*, aktarx li l-glieda kienet bdiet.

Spjegat li l-glieda kienet qed issir faccata taghha, taf li kien hemm zewg (2) ahwa li kienu qed jilletikaw, pero' l-glieda ma tafx min bdieha. Tahseb li l-imputat kien maghhom. Kienu *guy nies* u dawn mhux midhla tal-kazin. Mistoqsija ghaliex qed tghid li kien hemm zewg (2) ahwa u jekk l-akkuzat hux habib taghhom spjegat li hekk tahseb. Mistoqsija jekk tafx x'jisimhom jew x'laqam ghandhom u kif taf li huma ahwa spjegat ghax taf li huma mir-Rabat, wiehed mgharuf bhala 'il-Kakku' u l-iehor ma tafx. Qalet li dawn iz-zewg (2) ahwa

kienu qed jiggieldu ma' haddiehor, ma' tlieta (3) min-naha t'isfel li qatt ma rathom qabel.

Mistoqsija x'ghamel l-imputat meta d-DJ ghajjat 'Buga, Buga, *security* 'waqt illi dak il-hin kienu qed jiggieldu dawn iz-zewg (2) ahwa mat-tlieta (3) li huma min-naha t'isfel tghid li l-akkuzat dak il-hin mar hdejn id DJ u beda jitfa' il-kullhadd il-barra. Resqu lejn il-magna tas-sigaretti u taf li rat il-magna ticcaqqlaq u ma kienx hemm tul ta' hin. Mistoqsija tispjega ghax hi qed tghid li tefa' lil kulhadd 'il barra, imma fl-istess hin qed tghid li resqu lejn il-magna tas-sigaretti spjegat li *'minn hemm trid tghaddi biex tohrog 'il barra'*.

Ix-xhud qalet li l-imputat 'qabad lil xi nies u kien qed johroghom 'il barra'. Mistoqsija ghal min kienet qed tirreferi, wiegbet li ghal riedet tfisser dawk li kienu qed jiggieldu - l-ahwa u dawk tan-naha t'isfel. Mistoqsija jekk qabadx lill-ahwa jew qabad it-tlieta (3), l-ohra spjegat li ma tafx, ghax bejn li kien hemm il-paniku u bejn li l-kazin kien ftit mudlam, ma setghetx taghraf in-nies. Imma taf li kienu zewg (2) persuni li huma l-ahwa u t-tlieta (3) ohra li tghid li taf min huma pero' ma tafx x'jisimhom. Hija spjegat li gharfithom waqt li kienu qed jiggieldu hemmhekk u minn hemm l'hemm ma tafx x'gara iktar ghax hija kienet xoghol u trid tlahhaq mal-bar. Spjegat li l-imputat mar hemmhekk biex jintervjeni, tahseb sabiex iferraq. Il-bqija mxew kollha lejn il-magna tas-sigaretti, kien hemm panik hemmhekk u fi ftit hin hargu 'l barra.

Mistoqsija jekk minn dakinhar l'hawn kellmitux lill-akkuzat, wiegbet li ma kellimtux.

Illi nhar is-26 ta' Frar, 2014 regghet xehdet **Maria Vassallo** ghat-tieni darba u kkonfermat dak kollu li kienet qalet fl-istqarrija taghha tad-29 ta' Frar, 2013.

Mistoqsija jekk kienx hemmx xi raguni partikulari ghalfejn id-DJ ghajjat 'Buga, Buga' spjegat li jista' jkun li peress li huma jafuh mir-Rabat bhala *security* ghajjattlu ghalhekk, pero' ma kienx imqabbad minnhom bhala security dakinhar. Ikkonfermat li il-Buga huwa l-imputat. Qalet li dakinhar ma kienu qabbdu lil hadd bhala *security*. Mistoqsija x'ghamel il-'Buga meta ratu gej lejn il-magna tas-sigaretti, spjegat li mar biex jitfahhom 'il barra biex tikkalma l-glieda. Mitluba tispjega lil min hareg il-Buga l-barra spjegat li ma tafx ghax kien hemm konfuzjoni shiha. Mitluba tispjega meta hi qalet li setghet tara lill-Kakku u lil huh li kienu parti minn din il-glieda dawn ma' min kienu qed jiggieldu, spjegat li kienu qed jiggieldu ma' dawk tan-naha t'isfel li kienu marru fil-kazin. Dan kien qabel kulhadd mar 'il barra.

Giet mistoqsija mill-Avukat tal-Parte Civile, jekk meta rat il-kaxxa tas-sigaretti ticcaqlaq ratx lill-'Buga' jitfa' lill-qarghi maghha, hija wiegbet li ma ratx hekk. Pero' meta gie mfakkar lilha x'qalet fl-istqarrijiet taghha, wiegbet li tefghu mal-magna tas-sigaretti biex johorgu 'l barra. Issa jekk iccaqalqet x'hin ghaddew kollha minn maghha ma tafx. Spjegat li riedet tfisser li rat lil Buga jimbuttah biex johorgu 'l barra.

Il-Qorti talbet lix-xhud tispjegalha kif ratu johorgu ‘l barra w din qalet li l-imputat ‘qabdu biex johorgu ‘l barra u nahseb x’hin ghaddej intlaqtet il-magna u jien rajtha ticcaqlaq. Issa kienu guy kienu hafna hergin nies ‘il barra.’ Mistoqsija x’daqs kienet il-magna tas-sigaretti spjegat li naqra akbar mill-pedana tax-xhieda, daqs normali tal-kaxxa tas-sigaretti mill-kbar.

Ghall-mistoqsija tal-Parte Civile ghaliex Ivan nizel kokka quddiem l-akkuzat, din qalet li jista’ jkun li Ivan zelaq minhabba x-xorb bhalma gralha hi stess, ghax hi wkoll weggghet f’din il-glieda minghajr ma kellha x’taqsam. Sostniet li kien hemm hafna *drinks* mal-art u kulhadd beda jiskejzja Giet mitluba tispjega x’movimenti beda jaghmel il-‘Buga’ meta kien hemm wiehed kokka quddiemu spjegat li beda jimbuttah biex jiehdu l-barra, biex il-glieda tieqaf u biex imorru l-barra. Mistoqsija fejn kien ir-ragel taghha dak il-hin, wiegbet li kien mar l-Ghassa u dahal mill-bieb tal-genb x’hin wasal lura mill-Ghassa. Hija spjegat li x’hin inqalghat il-glieda r-ragel taghha mar l-Ghassa, ma sab lil hadd u qaghad jistenna ftit sakemm forsi jigu pulizija ohra. Sa ma gew tal-mobile hu dahal mill-bieb tal-genb. Qalet li huma ma setghux johorgu fl-ebda hin ghax il-pulizija tal-mobile zammewhom gewwa mill-bieb tal-genb.

Mistoqsija in kontro esami jekk taqbilx li dan Ivan hareg b’saqajgh minn gol-kazin wara li bdiet dan il-kommozzjoni, qalet li tahseb li iva, hareg ghax imbuttawh. Ikkonkludiet li ma rat lil hadd hiereg fuq l-idejn.

Illi nhar is-7 ta' Mejju, 2015 xehdet **Maria Vassallo ghat-tielet darba** u spjegat li huwa minnu li hija diga' xehdet darbtejn (2) il-Qorti. Huwa minnu li fis-sittax (16) ta' Dicembru, 2013 a fol. 140 tal-process kienet qalet li semghet lid-DJ jghajjat 'Buga Buga'. Qalet li 'Buga Buga' tfisser l-imputat. Mistoqsija ghaliex effettivament beda jghajjat lilu ma tafx pero' taf li kienet inqaghlet glieda. Jista' jkun li ghajjatlu peress li kien hemm xi zmien meta l-imputat kien jahdem ta' *security*. Il-Bar jimmanigjawh hi flimkien mar-ragel Herbert. U dakinhar kien hemm id-*drinks* ta' wara l-*mass meeting* tal-Labour.

Dakinhar Kenneth Micallef pero' ma kienx impjegat bhala *security*. Kien qieghed hemmhekk jiehu *drink* mal-hbieb tieghu wara l-*meeting*. Tikkonferma dak li kienet qalet, li dakinhar id-DJ beda jghid Buga Buga *security* u thares u tara *panic* hdejn il-magna tas-sigaretti. U meta nqala' l-*panic* Kenneth Micallef ma kienx involut fil-*panic*. Spjegat illi fil-fatt kien hemm hafna nies ma' xulxin fil-*panic* sahansitra anke d-dawl fis-saqaf inqata'. Spjegat li l-glieda gewwa damet ftit biss u spiccat barra. Hija kienet wara l-Bar u kienet mohhha fil-Bar. F'illi qed tara balla nies *panic* u f'illi rat lil kulhadd hiereg 'il barra. Spjegat li fil-fatt il-glieda ma kinitx bejn zewg (2) min-nies izda balla nies. U spjegat li fil-fatt in-nies li kienu nvoluti huma nies li ma kienux jiffrekwentaw il-kazin u ma jafuhomx. Mistoqsija jekk tafx lil vittma spjegat li le ma tafux.

Spjegat li fil-fatt in-nies involuti fil-glieda kienu xurbana. Spjegat li dakinhar kienu qieghdin jixorbu l-whiskey. Hija ma tafx kif bdiet il-glieda. Tahseb li bdiet fuq din il-mara pero' ma tafx. Ma tafx fejn

effettivament jidhol Kenneth Micallef u jekk jidholx. Hija ma tafx min ittanta din il-mara. Taf illi dak il-hin inqalghat glieda w l-imputat ma kienx hemm ghax id-DJ beda jghajjatlu. Qed tigi moqrija lilha x-xhieda li hija kienet tat fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Frar, tal-2014 fol. 204 u hija tikkonfermaha. Spjegat li hija ma setghet tara lil hadd jiggieled ghax kulhadd beda jipprova johrog ‘il barra. Hija kienet giet mressqa l-Qorti in konnessjoni ma' glieda li sehhet hemmhekk.

Spjegat li wahda minn dawn in-nisa bdiet toffendiha u tghajjarha fuq huha l-mejjet u hija riedet taghlaq il-bieb biex ma jergghux jidhlu. Fil-fatt din il-mara kienet qabdet iz-zarbun tkisser il-hgieg bit-takkuna. Dak il-hin Kenneth Micallef ma kienx hdejhom, tahseb li kien gewwa il-Bar. Taf li kien hemm zewgt (2) irgiel barra maghha. Dawn iz-zewgt (2) irgiel u l-mara li bdiet tkisser il-hgieg kienu flimkien mal-vittma. Riedu jidhlu ghal min kien qieghed gewwa l-kazin. Murija ritratt ta’ par idejn li jinsab esebit fl-atti tal-inkjesta u spjegat li dawn huma id-dwiefer taghha u fil-fatt hija weggghet mal-bieb tal-genb.

Illi nhar is-6 ta’ Marzu, 2013 deher **Herbert Vassallo** u spjega li ghadu kif inghata t-twissija skond il-ligi mill-Qorti u ghazel li ma jixhidx ghax jista’ jinkrimina ruhu.

Illi nhar is-16 ta' Dicembru, 2013 xehed **Herbert Vassallo** u ddikjara li jahdem *barman* fic-Centru Laburista tar-Rabat. Qal li l-parti tal- - Kazin fejn hemm il-*bar*, hi ikbar mill-Awla. Skond hu dakinhar li nqala' l-incident il-Kazin tal-Labour tar-Rabat kien hemm bejn wiehed u iehor xi hamsin (50) ruh. Mitlub jispjega x'kienet l-attivita'

partikolari li kien hemm dakinhar, spjega li wara kull *meeting* li kien isir tal-Partit Laburista, kienu jorganizzaw speci ta' Disco. Mistoqsi jekk jiftakarx il-gurnata dakinhar meta kienet huwa spjega li m' ghandux idea. Mistoqsi jekk kienx fost il-gimgha spjega li kien jum il-Hadd. Giet mitlub jiddeskrivi dakinhar tal-incident ezattament x'inqala' u ma nqalghax u x'ra hu min-naha tieghu u fejn kien. Spjega li huwa kien qieghed wara l-*Bar*. Fetah xi s-sitta (6:00p.m),u f'xi s-sitta u kwart (6:15p.m.) bdew gejjin in-nies u bdew jiehdu pjacir. Imbaghad dahlu erbgha (4) persuni li qatt ma kienu marru hemm qabel u maghhom kellhom tfajla li qabdet taghmel mossi oxxeni fuq il-*billiard*. Cio' nonostatne baqa' jservi d-drinks bhas-soltu. Imbaghad ghall-habta ta' xi d-disgha (9:00p.m) id-disgha u nofs (9:30p.m) sema' il-hgieg jinkiser u flixkun jinkiser u ttawwal u ra tgegwigija hdejn il-magna tas-sigaretti. Dak il-hin huwa ttawwal biex jara x'gara u nduna li kien hemm dawk l-erbgha (4) min-nies li ma kienux tas-soltu involuti. Qal li marru hemm u irrovinawlhom il-pjacir li kienu qed jiehdu . Jghid bli bhala procedura wara l-*meeting* in-nies imorru fil-bar u jaghmlu hemm sal-ghaxra (10:00p.m) il-hdax (11:00p.m) u jmorru lura lejn id-dar.

Gie mitlub jispjega meta qed jghid li hin minnhom ra tgegwigija, min kien involut f'din it-tgegwigija u meta jghid tgegwigija f'liema sens. Spjega li kien hemm dawn l-erba' (4) persuni li ma kinux mir-Rabat naqra l'hemm mill-magna tas-sigaretti u n-naha l-ohra kien hemm ir-Rabtin li joqoghdu ghalihom. Mistoqsi r-Rabtin min kienu, spjega li kien hemm certu Rabtin zewg (2) t'ahwa. Mistoqsi jekk jafx min huma l-ahwa jew il-laqam spjega li jghidulhom tal-'Kakku' u kien hemm xi

Rabtin ohra maghhom. Mistoqsi jekk dawn l-ahwa kienux involuti f'din it-tgegwigija spjega li le pero' kienu qeghdin qalb it-tgegwigija peress li kienu kollha go roqgha wahda. Jaf li nqala' argument hemmhekk u kienu qeghdin kollha fejn xulxin. Mistoqsi min kien involut f'din it-tgegwigija, spjega li m'ghandux idea, kull ma jista' jghid hu li sema' hgieg jinkiser. X'hin ittawwal ra roqgha ta' nies fejn xulxin. Mistoqsi jekk jaghrafx lill-imputat spjega li gharfu u jaf li jismu Kenneth. Mistoqsi jekk Kenneth kienx prezenti u jekk rahx, spjega li kien prezenti l-Kazin. Mistoqsi jekk rahx jaghmel xi haga huwa spjega li le. Qal li dak il-hin x'hin inqalghet il-glieda mill-ewwel ittawwal biex jara x'hemm. Ittawwal ra li Kenneth kien qieghed f'kantuniera fejn il-magna tas-sigaretti mhux fejn kien hemm il-glieda ghax il-glieda kienet qeghda izjed lejn id-DJ. Huwa dak il-hin hareg jigri biex jara x'qed jigri u baqa' sejjer dritt l-Ghassa jghamel rapport. Ix-xhud qal li hu sejjah ghas-Surgent u ghall-prezenza tal-Pulizija qabel il-glieda bdiet, izda s-Surgent qallu li ma kellux lil min jibghat ghax kien qieghed wahdu l-ghassa, u kull ma seta jaghmel hu kien li jcempel lil tal-Mobile. Huwa mbaghad telaq lura jigri u ra n-nies barra f'nofs ta' triq. Mistoqsi jekk qabel ma telaq l-Ghassa lil Kenneth rahx wahdu, spjega li Kenneth kien qieghed fejn l-arkata tal-bieb u rah ghax bilfors ried jghaddi minn quddiem il-bieb biex johrog ‘il barra. Mistoqsi fejn ra lil Kenneth wiegeb fejn l-arkata tal-bieb ta' barra. Il-Prosekuzzjoni fakkritu li hu kien irrilaxxja stqarrija. Gie mistoqsi jekk jiftakarx x'kien qal u wiegeb li jiftakar certu affarijiet imma mhux kollox. Qal li waqt il-glieda jew ahjar kif bdiet ezatt hareg jigri ‘l barra biex igib il-Pulizija biex jikkallmaw il-bicca xoghol. Mistoqsi jekk qabel ma telaq lill-akkuzat rahx jaghmel xi haga huwa spjega li

lil Kenneth rah fejn il-bieb fejn il-magna tas-sigaretti. Mistoqsi jekk kienx qed izomm lil xi hadd spjega li m'ghandux idea, ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jiftakarx jekk Kenneth Micallef dakinhar ghamilx xi haga jew le spjega li ma jiftakarx, lil Kenneth rah fejn il-bieb, fejn l-arkata tal-bieb ta' barra ghax biex hareg lejn l-Ghassa bilfors ried jghaddi minn go fiha.

Ikkonferma ghal darb' ohra li dakinhar kien il- Hadd u kien hemm xi hamsin (50) ruh u kien hemm DJ. Qal li kull nhar ta' Hadd kien ikun hemm disco u dejjem zammewha bejniethom ir-Rabtin. Qabel kienu ghamluha xi hames (5) darbiet jew sitta (6) u qatt ma kellhom bzonn *bodyguards jew securities.* Dejjem izommu dawk l-erbghin (40) ruh Rabtin joqghodu bejniethom. Dakinhar tfaccaw dawn l-erbgha (4) min-nies li qatt ma kienu marru l-Kazin, marru l-ewwel darba dakinhar. Mistoqsi jafx x'jisimhom dawn it-tlett min nies li ma kienux Rabtin stqarr li ma jafx, sar jaf x'jisimhom ghax qalulu l-Pulizija wara. Irrepeta li lil dawn qatt ma kien rahom il-Kazin qabel u wara sar jaf li jisimhom Alfio, wahda Shirley, wiehed Ivan u l-iehor Manuel. Mistoqsi jafx li Ivan u Alfio dakinhar weggghu, wiegeb li ovvjament issa jaf, ghax wara l-glieda sar jaf li weggghu. Mistoqsi jekk dak il-hin li ra l-glieda quddiemu w hu kien wara l-*bar,* rax lil xi hadd iwegga' lil dawn it-tnejn (2), qal li ma ra xejn. Mistoqsi jekk rahomx jiggieldu, jekk rax lil Ivan jiggieled ma' xi hadd spjega li jekk dak li hareg fil-Qorti u cioe' li kien hemm persuna li qeghda f'periklu tal-mewt, bil-glied li nqala' gol-Kazin, dan zgur ma sehhx waqt li kien hemm huwa. Mistoqsi ghaliex qed jghid hekk spjega li ghax hu kull ma ra kienet tgegwigija ta' nies fuq xulxin, jigifieri lanqas jiggieldu. Sostna li

huwa ma lahaqhomx jiggieldu gol-Kazin. Huwa lahaq tgegwigija ta' nies jilletikaw. Mistoqsi jekk huwa kienx dejjem prezenti hemmhekk mill-bidu tal-glieda, wiegeb li hu kien prezenti minn x'hin bdiet il-glieda sa x'hin sema' flixkun jinkiser. X'hin sema' flixkun jinkiser mal-art, jigifieri x'hin bdiet tishon il-glieda, dak il-hin telaq jigri l-barra. Mistoqsi jekk jafx ta' liema persuna bdiet tishon ir-ras, spjega li ta' certu wiehed Ivan. Qal li jaf dan x'jismu ghax qalulu ghax huwa lil dawn ma kienx jaf x'jisimhom. Mistoqsi jekk kienx hemm xi raguni partikolari ghaliex bdiet tishon ras Ivan spjega li ma jafx ghax huwa kien qieghed wara l-*bar*, sema' storbju shih u ra flixkun jinkiser. Dak il-hin induna li l-flixkun kien ta' Ivan ghax il-flixkun kien hdejh. Inoltre qal li wara l-glieda, l-hgieg instab fil-parti fejn kien hemm Ivan u fejn kien hemm dawk tal-Marsa. U l-hgieg li kien hemm mal-art kienu tal-flixken tad-*drinks* li xtraw huma.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 rega' xehed **Herbert Vassallo**. Wara li nqratlu l-istqarrija rilaxxjata minnu fid-19 ta' Frar 2013, li tinsab esebita fl-atti migbura mill-Perit Tekniku Martin Bajada, ddikjara li sa fejn jidhirlu hu lill-Pulizija huwa qatt ma qalilhom li l-Buga qabad lil Ivan, poggieh taht saqajh u mbuttah. Stqarr li l-Buga kien qieghed f'dik ir-roqgha, pero' ma jidhirlux li qatt qal li qabad lil xi hadd u beda jtih bil-ponn. Ikkonferma li l-Buga huwa Kenneth Micallef, l-imputat odjern. Ix-xhud ikkonferma bil-gurament li l-kumplament tal-istqarrija tieghu hija kollha verita'. Ammetta li huwa nghata kopja tal-istqarrija w kien iffirmaha wara li giet moqrija lilu. Qal li dakinhar ma kkoregiex lill-Pulizija li qrahielu ghax kien imbezza' w ippressat. Hawnhekk ikkummenta li kieku dakinhar tal-glieda, meta hu mar

jitlob l-assistenza tal-pulizija, dawn marru mill-ewwel, xejn minn dan ma kien isehh. Pero' dakinhar is-Surgent kien qallu li kien wahdu w ma kellux lil min jibghat. Spjega li wara l-incident, il-pulizija ngabru kollha madwaru w bdew isaqsuh x'gara, w kien f'dak il-mument li rrilaxxja l-istqarrija tieghu. Qal li ghalkemm il-pulizija m'ghamlulu xejn, xorta hassu ntimidat minnhom. Waqt ir-rilaxx tal-istqarrija kien hemm zewg Spetturi.

Sostna li ghall-ewwel meta l-pulizija bdew jaghmlulu d-domandi, beda jwiegeb kollox iva. Qal li jaf li meta telaq biex isejjah il-pulizija, kien ra lil xi hadd jiggieled hdejn il-magna tas-sigaretti. Sussegwentement kienu staqsewh jekk il-Buga kienx involut u hu wegibhom li iva, pero' hawn issa zied li ma jiftakarx li effettivament il-Buga f'xi hin qabad lil Ivan bejn saqajh u beda jtih. Zied pero' li l-kumplament tal-istqarrija jiftakru. Sostna li isem il-Buga kien suggerit lilu w ma semmiehx minn rajh. Infatti qal li l-Ispettur Saliba kien beda jsemmilu n-nies u hu kien wiegbu li jista' jkun li kien il-Buga. Lanqas ma kkorega lill-Ispettur meta qralu l-istatement, ghax beda jibza' w xtaq jitlaq.

Zied li dak iz-zmien kien qed jigi ndagat ghax issemma' li kien imdahhal fil-glieda personalment, ghaldaqstant it-twegibiet tieghu kienu fis-sens biex jiskolpa ruhu mill-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu. Qal li meta baghtu ghalih id-Depot, ghamel xi hin hemmhekk ghalkemm qatt ma kien taht arrest. Lanqas ma qalulu li kien fost dawk li ggieled bl-idejn. Ikkonferma li malli sema' l-flixkun jinkiser qabad u telaq lejn l-ghassa.

Spjega li fil-hin li kien hiereg mill-kazin lejn l-ghassa, l-imputat kien hdejn l-arkata fejn hemm il-magna tas-sigaretti u allura hu bilfors kellu jghaddi minn hdejh. Rega' rrepeta li l-ghassa kienu qalulu li ma kienx hemm lil min jibaghtu. Zied li meta telaq mill-kazin il-glieda kienet ghadha ma bdietx u lil Ivan kien rah fuq saqajh, pero' meta wasal lura sab lill-vittmi f'nofs it-triq. Meta gie lura mill-ghassa Ivan kien mimdud fl-art barra.

Sahaq li mhux minnu dak li qal fl-istqarrija tieghu li kien ra lil Kenneth Micallef jaqbad lil Ivan u jarmih mal-magna. Spjega li meta telaq jigri l' barra kien hemm tgegwigija hdejn il-magna tas-sigaretti. Ma jiftakarx li ra lill-Buga jaqbad lil Ivan u jitfghu mal-kaxxa tas-sigaretti.

Illi nhar is-7 ta' Mejju, 2015 rega xehed ghal darb' ohra **Herbert Vassallo.** Wara li giet moqrija lilu x-xhieda li hu kien ta f'diversi seduti precidenti fosthom dik tal-erbgha (4) ta' Dicembru, 2013 fejn kien qal li meta sehhet il-glieda huwa kien mal-Bar u kien ra lill-imputat vicin tal-arkata. Sussegwentement qed jinghad illi fis-sittax (16) ta' Mejju, 2014 a fol. 162 tal-process kien qal illi huwa fil-fatt il-glieda ma rahiex waqt li fl-istatement tal-hdax (11) ta' Frar, 2013 kien qal illi ra lill-imputat jaqbad lil Ivan minn spalltu u jitfghu lejn il-magna tas-sigaretti u meta nizel ghamlu bejn saqajh u baqa' jtih bil-ponn. Rega' kkonferma li effettivament meta bdew jiggieldu huwa mar jigri l-Ghassa u ghalhekk ma ra xejn jigri fil-Bar. X'hin qabdet il-glieda mar jaghmel rapport l-Ghassa u l-pulizija qalulu li ma kellhomx

lil min jibaghtu. Fil-mument meta bdiet il-glieda kien fil-kazin jahdem wara l-Bar u kien ghalhekk li qal illi Kenneth kien hdejn l-arkati ghax meta telaq jigri lejn l-ghassa ghadda minn quddiemu. Spjega illi Kenneth kien hdejn l-arkati u ftit il-boghod mill-magna tas-sigaretti meta bdiet il-glieda. Qal li fil-kazin hemm zewg (2) magni tas-sigaretti.

Spjega illi l-glieda sehhet xi ghoxrin (20) pied boghod minn fejn kien Kenneth fl-arkata. Huwa fl-ebda hin ma qal illi Kenneth kien involut fil-glieda, huwa kull ma qal huwa li ghadda minn quddiem Kenneth ghax gharfu meta kien hdejn l-arkata. Mistoqsi min kienu n-nies li bdew jiggieldu dak il-hin spjega li ma jafx, kien hemm hafna. Spjega li kien hemm madwar hamsin (50) ruh fil-kazin. Jaf li kien hemm tliet (3) min-nies li ma kienux mir-Rabat u bdew jaqbdu l-paroli. Bdew ikissru l-fliexken u huwa telaq jigri l-hemm. Insista li huwa fl-ebda hin ma qal illi efettivament Kenneth kien involut fil-glieda. Ikkonferma illi Ivan, cioe' dak li kellu l-*goatee* u li huwa mill-Marsa, kien qed jisfida lin-nies ghall-glied dakinhar.

Spjega li meta gie lura mill-Ghassa huwa u diehel fil-kazin ra lil dan il-persuna maghruf bhala Leli u beda jisfida n-nies ghall-glied. Huwa minnu ukoll illi Kenneth Micallef kien prezenti u Leli ma kienx qed jindirizza lil Kenneth Micallef. Fl-ebda hin ma ra lil Leli nvolut fil-glieda jew jiggieled ma' Kenneth. Qal li jaf li fil-fatt jismu Leli ghax qalulu l-pulizija u spjega li Leli kien qed jisfida nies ghall-glied fuq barra waqt li Kenneth kien fil-kazin. Mistoqsi liema hija l-verzjoni korretta, jekk hux meta xehed fl-inkjesta jew meta xehed fil-Qorti,

spjega illi le meta xehed fil-Qorti hija l-verita'. Mhux minnu li huwa qatt qal illi Kenneth kien qed isawwat lil Ivan, ma jidirlux li qatt qal hekk, anzi spjega li ma jiftakarx li qatt qal hekk. Gewwa dak il-hin kien hemm hu u l-mara biss u Leli xtaq jidhol gewwa ghalihom. Spjega li fil-fatt xtaq jerga' jidhol il-kazin.

Illi nhar is-26 ta' April, 2013 xehed **PC99 Mario Portelli** u spjega li fis-sbatax (17) ta' Frar 2013 ghall-habta tad-disgha u nofs (9:30) gew imsejhin biex jassistu fuq glieda kbira gewwa l-kazin tal-Labour tar-Rabat. Meta waslu, huma kienu t-tielet karozza tal-Mobile li waslet fuq il-post. Sabu kommozzjoni, kien hemm persuna ta' sess femminili mimlija demm, kien hemm ragel mixhut mal-art, kien hemm ragel iehor li kellu xi dmija ukoll u kien hemm xi nies imferxin mad-dawra ta' fejn gara l-incident barra l-kazin fuq il-bankina. Huwa spjega li ma hax *particulars* tan-nies li kienu prezenti ghaliex kien hemm diga' is-surgent tal-Mobile PS 267 qablu u kien hemm pulizija ohra jaghmlu dan. Huwa kien inkarigat illi jiddevja t-traffiku biex ma jghaddix minn quddiem il-kazin. Mistoqsi jekk jaghrafx lil xi hadd fl-Awla spjega li le ma jgharaf lil hadd.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami kkonferma li barra kien ra xi nies, ra wkoll wiehed ferut bid-demm. Mistoqsi jekk dik il-persuna li ra bid-demm huwiex il-vittma, spjega li kien hemm persuna *semi unconscious*, kultant tqum, kulltant taqa' w zied li kien hemm tfajla kollha demm u maghha kien hemm ragel iehor. Ikkonferma li huwa ma dahalx fil-kazin, izda li dan kollu rah xi erba' (4) metri 'l boghod mill- kazin. Kompla jispjega li l-ewwel mar fejn il-kazin,

imbaghad x'hin ra s-sitwazzjoni kalma u li kien hemm il-kollegi illi kienu qeghdin izommu n-nies il-boghod minn xulxin, hu kien qieghed xi sitt (6) metri 'l boghod jiddevja t-traffiku. L-unika hin li resaq lejn il-kazin kien meta ra din il-persuna ta' sess femminili li bdiet titlob ghal xi ilma u fil-fatt jghid li kien talab lil xi hadd, li ma jafx jekk kienx il-*barman*, sabiex jaghtih zewgt ifliexken ilma u tahom lill-persuni li kienu barra bid-demm biex jixorbuhom.

Mistoqsi jekk dakinhar dahalx gol-kazin, spjega li le ma kienx dahal, u l-ilma kien newwilhomlu minn gol-bieb.

Illi nhar is-26 ta' April, 2013 xehed **PC345 Mark Cremona** u spjega li fis-sbatax (17) ta' Frar 2013 ghal habta tad-disgha u nofs (9:30) kienu xoghol ta' bil-lejl, *night watch* hu u s-surgent 267 meta l-Control Room gharrfithom li kien hemm glieda fil-kazin tal-Labour tar-Rabat. Huwa u s-surgent marru fuq il-post, fejn jidhirlu li kienu t-tieni karozza li waslu, u hemm sabu massa kbira ta' nies quddiem il-kazin. Malli waslu bil-karozzi, in-nies tferrxu u seta' jinnota li tassew kien hemm xi glied. Spjega li jekk qed thares lejn il-kazin mal-faccata fuq in-naha tal-lemin, kien hemm *group* kbir ta' nies kollha lebsin bil-flokkijiet homor, u seta' jinnota erba' min-nies quddiem il-kazin. Kien hemm tlieta min-nies jidhru li kienu fis-sakra anka mir-riha qawwija ta' xorb li seta' jxomm u kien hemm persuna ma l-art.

It-tliet persuni li semma kienu Alfio Attard, Leli Farrugia maghruf bhala l-'Bruce' u Shirley Camilleri, waqt li mal-art kien hemm Ivan

Attard. Lil Ivan bdew jippruvaw ikellmuh pero' ma kellhomx *reaction* u ghall-bidu hasbu li kien fis-sakra hafna, imma ddecidew li jgibulu ambulanza, li mbaghad haditu l-isptar. Mistoqsi jekk jaghrafx lill-imputat spjega li le, lill-imputat fl-ebda hin ma rah la fil-kazin u lanqas meta kellem lill-*barman*. Spjega li kien hemm massa kbira ta' nies, kien jidher li kien hemm il-glied ghax anke Shirley Camilleri kellha xi demm fuqha ghax anke jiftakar li cappsitu w in-nies kienu jidhru li kellhom xi daqqiet fuqhom ghax kien hemm id-demm, pero' insista li lill-imputat fl-ebda hin ma rah, ghalkemm zied jghid li hu mhux qed jghid li ma kienx hemm. Huwa spjega li min-naha tieghu kemm assista lill-pulizija li kienu hemm u cioe' lil tal-Mobile Squad.

Kompla li hu nnota li kien hemm xi hgieg imkisser, kif jigri normalment meta jkun hemm glieda. Kompla jispjega li naturalment il-glieda kienet sehhet qabel ghax ghalkemm hu ma rax glied, l-affarijiet ma jinkisrux wehidhom u meta dahal gol-kazin seta' jara li kien hemm sitwazzjoni ta' glieda. Mistoqsi jekk rax lin-nies jiggieldu huwa spjega li ma rahomx. Jghid li kien hemm *group* kbir ta' nies, u li f'dik is-sitwazzjoni ma tkunx tista' taghraf min kien qed jiggieled ma' min. Qal li ovvjament il-persuna li kien mal-art ma kienx involut, pero' t-tliet persuni li diga' semma u xi nies ohra bdew jghaddu kummenti provokattivi lil xulxin u kienu ha jiggieldu w huma waqqfuhom. Huwa ma jiftakarx xi bdew jghidu u lanqas min kienu.

In kontro ezami stqarr li f'dan ix-xenjaru lill-imputat ma rah fl-ebda hin. Ikkonferma li qabel ma dahal fil-kazin hu, u cioe' barra mill-kazin fuq in-naha tal-lemin, ukoll kien hemm *commotion*, u f'dak il-

hin il-vittma kien quddiem il-bieb tal-kazin. Ikkonferma li gharaf lill-vittma prezenti fl-Awla, ghalkemm l-apparenza tieghu hi differenti. Mistoqsi kienx hemm xi hgieg imkisser ukoll barra l-kazin huwa spjega li iva, il-hgieg tat-twieqi li waqa'. Mistoqsi jekk sakemm mar hu, barra kienx hemm ukoll in-nies ghadhom qed jiggieldu jew qed jitlewmu, spjega li kienu qed jitlewmu l-iktar. Pero' jghid li huwa dahal gol-kazin u seta' jghid li s-sitwazzjoni li ra gol-kazin vizibilment jigifieri bhala tkissir, kienet hafna iktar milli ra barra.

Illi nhar is-26 ta' April, 2013 xehed **PS 163 Robert Azzopardi** u spjega li fis-sbatax (17) ta' Frar 2013 ghall-habta tad-disgha u nofs (9:30p.m) kien mar l-Ghassa tar-Rabat il-*barman* tal-kazin tal-Labour Party certu Herbert Vassallo fejn kien irrapportalu li kellu xi argument gol-kazin u ghalhekk talab l-assistenza tal-Pulizija. Huwa cempel l-assistenza tal-Mobile fejn nizlu diversi *units* fuq il-post. Hu mar hemmhekk ukoll, fejn x'hin wasal fuq il-post kien hemm certu Alfio Attard, Leli Farrugia u Shirley Camilleri li kellhom xi daqqiet ma' jdejhom u ma' wicchom kif ukoll xi demm. Certu Ivan Attard mill-Marsa kien mixhut ma l-art kwazi mitluf minn sensih. Meta kien staqsihom x'gara dawn ghall-bidu, specjalment Shirley bdiet tghidlu li kien hemm xi nies fil-kazin li kienu aggredewhom.

Huwa sussegwentement dahal fil-kazin fejn sab lill-kwerelant il-*barman* tal-kazin, Herbert Vassallo u xi membri tal-familja tieghu. Meta kien staqsihom x'kien gara dawn kienu qalulu li dawn l-erba' persuni kienu ilhom ghal xi hin jixorbu fil-kazin u hin minnhom inqala' xi argument bejniethom u bejn xi nies ohra li kienu fil-kazin u

Herbert qallu li x'hin kien ra dan kien mar l-Ghassa, fejn x'hin telaq hu mill-kazin dawn in-nies kienu gol-kazin pero' sa x'hin irritorna lura wara li mar l-Ghassa kien sabhom barra. Qallu li apparentament kienu harguhom 'il barra xi nies li kienu wkoll gol-kazin. Xehed li meta rega' kellem lil dawn it-tliet persuni li kienu barra biex jistaqsihom jekk kienux jaghrfu lil xi hadd u ghal aktar dettalji dwar x'kien gara u ma garax, dawn kienu qalulu li ma kien aggredihom hadd. Meta ndikalhom il-griehi li kellhom qalulu li kienu hergin mill-kazin u waqghu fl-ghatba tal-kazin u weggghu u b'hekk kellhom dak id-demm u xi griehi ohra. Jispjega li it-tliet persuni kienu Alfio, Leli Farrugia u Shirley Camilleri li l-*barman* indika li kienu qed jaqilghu l-inkwiet. Qal li imbaghad issejhet ambulanza minhabba li Ivan Attard kien mixhut jitgerbeb mal-art u sussegwentement gew infurmati li kien jinstab fil-periklu tal-mewt u ghalhekk inghalaq il-kazin ghal aktar stharrig. Huwa spjega li lill-imputat qatt ma rah hemmhekk. Huwa spjega li meta dahal gol-kazin seta' jinnota li kien hemm tidlik ma l-art u xi qtar tad-demm u xi mwejjed u siggijiet maqlubin. Huwa spjega li l-Pulizija tal-Mobile waslu qabilhom fuq il-post.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami qal li barra mill-kazin, qabel ma dahal, innota li kien hemm xi argumenti ghadhom ghaddejjin bejn il-folla u li kien hemm xi ghajjat u hekk, pero' zied li ma kienx hemm xi glied fiziku ghax dak il-hin kienu lahqu waslu l-pulizija tal-Mobile u kienu sseparaw lil dawn l-erba' minn mal-kumplament tan-nies. Spjega li dawn it-tlieta li semma, kif ukoll il-persuna li kien mixhut fl-art, kienu quddiem il-*main entrance* tal-kazin fil-*main road* u l-pulizija kienu qeghdin hdejhom u kien hemm xi nies

ohrajn li pero' sa x'hin dahal fil-kazin kienu lahqu telqu mis-*side door* tal-kazin li hu fl-isqaq.

Illi nhar is-26 ta' April, 2013 xehed **Ivan Attard** u spjega li dwar l-incident tas-sbatax (17) ta' Frar 2013 huwa bhal ma ga tkellem ma jiftakar xejn, hlief li kienu l-kazin qeghdin jiehdu *drink* u f'daqqa wahda spicca l-isptar, jigifieri lanqas jaf li riekeb l-ambulanza. Mitlub jispjega kif spicca f'dan il-kazin u x'jiftakar, qal li qabel kienu qeghdin il-*meeting* u kien cempel il-habib ta' zijuh Alfio li kien mieghu hemmhekk u qalilhom ha jkun hemm *party* l-kazin tar-Rabat u dan qalilhom: "tigu?" Iddecidew li jmorru. Dan kien wara nofsinhar meta kien wasal biex jispicca l-*meeting*. Marru l-kazin, sabuh maghluq u qaghdu jistennewh jiftah. Mistoqsi x'hin kien, qal li ma jafx ezatt, pero' kwazi kif spicca l-*meeting* f'xi l-erbgha (4:00p.m), l-hamsa (5:00p.m). U kif fetah dahlu, xtraw flixkun whiskey, qaghdu bilqeghda fuq sufan taht it-tieqa. Huwa spjega li kien ma' zijuh Alfio u mal-partner tieghu Shirley. Spjega li kienet cemplet il-mara tieghu u qalilha biex tmur hdejhom pero' din qaltlu li ma kellhiex aptit. Imbaghad f'daqqa wahda, bla ma jaf fuq hiex inqala' l-argument u fuq xhiex inqalghet il-glieda, spicca l-isptar. Qal li hu ghamel tlett ijiem l-ITU ma jaf xejn, operawh darbtejn f'rasu u ma jaf b'xejn. Lanqas ma jaf minn hebb ghalih, ma jaf xejn. Mistoqsi jekk lill-imputat rahx hemm fil-*bar* dakinhar huwa spjega li rah l-ewwel darba b'ghajnejh kien dakinhar li xehed u ma jiftakarx jekk rahx dakinhar. Huwa spjega li b'kollox dam xahrejn l-isptar u li kien se jibda t-terapija. Mistoqsi minn x'hiex ibati, wiegeb li jbati minn saqajh, jistordi, ma jimxix, idejh rieqda, ma jxommx, ma jtiehemx u dan ghax kellu n-nervaturi

maqtughin. Huwa spjega li kien operat darbtejn (2). Mitlub jispjega milli jaf hu u milli qalulu t-tobba x'daqqiet kellu huwa spjega li qalulu li gie mbuttat. Huwa spjega sofra minn *fracture* gol-iskutella ta' rasu w kellu *swelling* go mohhu. Mistoqsi jekk apparti rasu kellux xi griehi ohra ma' gismu huwa spjega li  kull ma kellu tbengila fuq idejh ix-xellugija biss u kellu *black eye* fuq ghajnu l-leminija u l-abjad ta' ghajnejh kien ahmar, imma sakemm gie f'sensih lahqet marret. B'kollox l-isptar dam xahrejn (2).

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehed **Christian Gauci** u gie mitlub jispjega  dwar incident gewwa l-kazin tal-Labour ir-Rabat li sehh fi Frar.  Spejga li kienu telqu mill-*meeting* ghal habta tal-hamsa u nofs (5.30p.m), u hu baqa' sejjer San Gwann ghall-habiba tieghu u baqghu sejrin il-kazin. Kif waslu il-kazin, huh Nicholas Gauci kien ghadu ma wasalx.  F'xi s-sebgha, is-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.00p.m – 7.30 p.m.)  baghtlu l-imputat biex jistaqsih fejn qeghdin. Hu qallu li kienu qeghdin il-kazin u dak wiegbu li kien sejjer hdejhom. Mistoqsi jekk lil dan Kenneth Micallef qieghedx jaghrfu gol-Awla w ghandux xi laqam, wiegeb li jaghrfu w filwaqt li indika lill-imputat qal li jghidulu Il-'Boga'.

Kompla jispjega li kif dahal fil-kazin, fuq il-lemin tieghu kien hemm erba' minn nies mhux mir-Rabat, u li qatt ma kien rahom hemm. U mal-hin waqt li kienu qeghdin jizfnu quddiem id-DJ mar taptaplu xi hadd fuq dahru.  Sostna li dan gara wara li kien hemm hafna provokazzjonijiet min-naha ta' Shirley, li wara gie nfurmat li kienet Shirley Camilleri.  Qal li din dahqitlu w hu dahqilha lura.  Kompla

jispjega li mar fuqu dak li wara sar jaf li jismu Alfio, taptaplu fuq dahru w beda jghidlu certu affarijet. Qal li hu ma fehmu xejn, hlief li hu mill-Marsa. Mistoqsi ghalfejn ma fehmux qal li probabbli ghax Alfrio kien fis-sakra. Qal li beda jtemtem u jlaqlaq. Messu fuq dahru. Qallu li hu mill-Marsa. Kompla li fuqu mar wiehed qarghi, bil-*goatee*, li gie ndikat lilu bhala Ivan, u qallu, "taghtix kasu ghax hu fis-sakra." U hu qallu, "*jekk inhu fis-sakra hudu 'l hemm qabel ifotti l-pjacir ta' kulhadd*." U dak qallu, "*hallih f'idejha*." Imbaghad zied li kif ta dahru lil dan Ivan, ra lil huh gej jghaggel, imbuttah u tefghu mal-art. Rega' spjega li meta dar u ta dahru lil Ivan, u gie *face to face* ma' huh. Qal li dan haffef il-pass, ghadda minn ma' genbu, u mbuttahom it-tnejn mal-art. Zied li dak il-hin dar u ra lil Ivan iqum minn mal-art bi flixkun f'idejh u kien quddiem l-imputat li kien ftit il-boghod minnu. Kompla li mbaghad gie quddiem il-*billiard* fejn rah jimmbotta lil Ivan. Huwa dar u qabad lil huh u tefghu f'kantuniera. Sab tnejn min-nies u talabhom jiehdu hsieb huh, u rega' dar ghall-imputat. Spjega li sakemm qabad lill-imputat dawk l-erba' min-nies kienu digà barra mill-kazin. Kif qabad lil l-imputat u garru fil-kantuniera,l-kazin qabad jinghalaq, issakru t-twieqi u ssakru l-bibien.

Jghid li fil-pront kien hemm hafna nies li hargu 'l barra u tbattal il-kazin. Mistoqsi kemm kien hemm nies fil-kazin, ikkalkula li bejn wiehed u iehor kien hemm xi 150 ruh. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud qal li lill-imputat l-ewwel ma rah kien jimbotta lil Ivan. Mistoqsi x'ghamel, spjega li tefa' lil huh ftit 'il boghod ma' genb tnejn min-nies li wara sar jaf wiehed minnhom, li huwa Roderick Muscat u qallu biex jiehu hsiebu w rega' dar ihares lejn l-imputat.

F'dak il-waqt, l-erbgha min-nies li semma, kienu diga' qeghdin barra mill-kazin. Qabad lill-imputat u hadu fejn huh u dak il-hin qabad jissakkar il-kazin. Huwa spjega li fil-hin bejn li ressaq lil huh sakemm rega' dar, l-imputat Kenneth Micallef kien ghadu quddiem il-*pool table* fejn kien.

Mistoqsi mid-difiza jekk qabel waqa' mal-art, Ivan Attard kellux fliexken f'idejh, stqarr li ma kellux, ghalkemm x'hin qam minn mal-art kellu flixkun f'idejh. Mistoqsi jekk jafx minn fejn gabu dan il-flixkun spjega li fuq il-mejda kien hemm hafna fliexken, wara kollox go kazin kienu. Mal-art ukoll kien hemm bosta fliexken tal-birra. Stqarr pero' li hu ma jafx minn fejn gie l-flixkun li ralu f'idu, ghalkemm jista' jkun li gabru mill-art.

Rega' spjega li l-ewwel lil Attard kien imbuttah huh, u dak il-hin Attard ma kellux fliexken f'idu. Imbaghad Attard qam u sab lil Kenneth quddiemu. Meta qam, Attard kellu flixkun ahdar, aktarx tal-Heineken f'idu. Ix-xhud kompla li hawn rega' ra lil Kenneth jimbuttah u jtajjarlu l-flixkun minn idu. Huwa ha lil huh f'kantuniera. Sakemm dar minhabba huh, b'dahru lejn l-imputat, ix-xhud stqarr li ma jafx dan x'ghamel.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami mid-difiza, gie mistoqsi jekk jaqbilx l-incident inbeda minn Ivan Attard fil-konfront ta' huh u hu spjega li filfatt kien huh li imbutta lil Attard l-ewwel. Ikkonferma li l-incident beda proprju ghax kien hemm l-involviment ta' terza persuna, li kienet mara, li bdiet tipprovoka l-gemgha taghhom,

imbaghad kompla ghax Alfio beda jaghmel ghaliha. Spjega li dan Alfio Camilleri kien qieghed hemm dakinhar ma' grupp iehor. Dawn kienu tliet (3) guvintur, fosthom il-vittma, u tfajla. Mistoqsi f'liema sens din il-mara bdiet tipprovokahom, wiegeb li bhala *flirting*, l-iktar mieghu stess. Jekk ghamiltx hekk ma' huh, ma kienx jaf jghid, imma zied li l-kazin kien hemm min qal li provat tifflirtja ma' haddiehor ukoll. Mistoqsi x'jifhem biha *tifflirtja* huwa spjega li din bdiet tidhaqlu, teghmzuk, taghmillu is-sinjali biex imur fejn ma jidhirx. Qal li bdiet tizfen fuq il-*pool table* u zelqet darbtejn. Ikkummeta li hin minnhom jahseb li anke kellha l-partijiet taghha mikxufin ghax kellha *shorts* qasir kellha.

Ix-xhud sostna li din bdiet tipprovokahom b'dan il-mod filwaqt li kienet fil-kumpanija tal-ohrajn, fosthom il-vittma. Mistoqsi jekk dak il-hin li bdiet *tifflirtja*, l-imputat kienx maghhom huwa spjega li fil-bidu le ghax huma waslu qablu. Huwa spjega li mbaghad sussegwentement din bdiet *tifflirtja.* Kompla li mbaghad xi hadd mill-grupp tat-tfajla mar fuqu, messu fuq spalltu w kellmu, pero' hu ma fehem xejn ghajr li hu mill-Marsa. Mistoqsi jekk jafx min kien dan spjega li wara ndikawlu li kien Alfio Camilleri. Mistoqsi mbaghad x'gara u l-vittma kif dahal fl-affari, spjega li dan mar fuqu w qallu biex ma jaghtix kaz ta' Alfio ghax kien fis-sakra. Hu wiegbu li jekk inhu hekk, ikun ahjar li jiehdu 'l hemm qabel ma jhassar il-pjacir ta' kulhadd, u dak wiegbu "halli f'idejja". Kif l-iehor qallu hekk, hu tah dahru, w dak il-hin ra lil huh gej ihaffef il-pass lejh u mbutta lil Alfio u lil Ivan u tefaghhom mal-art. Mistoqsi jekk hux minn hemmhekk li Ivan qabad flixkun minn mal-art, wiegeb fil-posittiv. Mistoqsi jekk

dak il-hin kienx hemm Kenneth fil-kazin, qal li filfatt dak il-hin kien hemm ghaliex il-flixkun ma' wicc Kenneth ghamlu Ivan x'hin Ivan qam. Qam u sab lill-imputat quddiemu. Mitlub jispjega jekk l-imputat iccapqlaqx meta ra lil Ivan gej bil-flixkun, ix-xhud spjega li Kenneth kien qieghed f'post u Ivan qam bil-wieqfa u sab lil Kenneth ma' wiccu. Kenneth kien fil-vicin. Zied li Kenneth kien ghadu fl-istess posizzjoni li kien qabel inqala' l-incident. Malli Ivan qam u sab lil Kenneth, dan tah daqqa b'idejh u hu rah itajjarlu l-flixkun minn idejh, u mbuttah mal-art. Hawnhekk ix-xhud qal li dar biex hareg lil huh 'il barra.

Irrakkonta li Ivan Attard waqa' hdejn mejda w bank bil-cushions speci ta' sufan tal-hadid, kien hemm tieqa, juke box u magna tas-sigaretti. Mistoqsi jekk rax xi demm mal-art fejn waqa' Attard, spjega li ma jafx ghax sakemm rega' dar ghall-imputat, dawn l-erbgha, inkluz il-vittma Ivan Attard kienu diga' hargu barra, ghalkemm kull ma ghaddew kienu tletin jew erbghin sekonda, ghalkemm kull ma ghaddew kienu tletin jew erbghin sekonda. Pero' qal li Kenneth kien ghadu hdejn il-pool table. Huwa wal li x'hin mar ghall-imputat, il-kazin kien kwazi tbattal u minn madwar 150 ruh fadal forsi 40 ruh gewwa. Qal li meta hareg lil Kenneth, hadu hdejn huh fuq siggu u sadanittant beda jinghalaq il-kazin u inkiser il-hgieg tal-kazin minn barra.

Gie mistoqsi jekk allura kienx il-kaz illi hargu n-nies minn gol-kazin u barra kompliet ghaddejja atmosfera ohra ta' glied u tkissir u hgieg jinkiser, ix-xhud wiegeb li huma l-hgieg semghuh jinkiser minn

gewwa. Qal li l-kazin fih zewg bibien u dak il-hin huma kienu fil-kantuniera fejn il-bieb ta' wara li jaghti ghal fuq sqaq, fejn hemm trejqa ma' genb il-kazin, li tigi fejn it-Triq tal-Vaxillina. Inksiret l-ewwel tieqa tal-kantuniera. Gie mistoqsi jekk Ivan Attard harigx mill-istess bieb fejn kienu huma jew hareg mill-bieb principali, ix-xhud qal li minn fejn kienu huma ma harigx zgur, probabbli mill-iehor hareg imma hu ma rahx johrog.

Kompla li kif inkiser il-hgieg kien hemm grupp li kienu ghadhom gewwa w marru biex johorgu minn gol-bieb tal-genb. Hu ntefa' fil-bieb biex ma johorgux halli ma tkomplix tikber. Imma fid-daqqa u l-hin ma jafx kif infetah il-bieb – u hu u iehor spiccaw mal-art, lil min kien qed izomm telqu, ghajjat lil huh u qalilhom biex jitilqu lejn id-dar. Hargu minn gol-bieb li jaghti ghat-triq tal-Vaxxillina u lil huh u lill-imputat qalilhom biex jistennewh hemm it-tfajla ta' Kenneth u tfajla ohra, Debbie.

Mistoqsi jekk Kenneth Micallef harigx minn hemm maghhom, wiegeb li iva Kenneth hareg maghhom minn go dak il-bieb. Qal li huwa nizel sal-kantuniera isfel biex jara jarax lil xi hadd minn shabu w ma ra lil hadd. Sema' lil Alfio li kien fil-kumpanija tal-vittma Ivan Attard jghid "*oqghodu hawn, oqghodu hawn, ha nigi nisparalkom kollha*." Spjega li telqu minn hemm u sakemm hu mar ghall-karozza li kienet ipparkjata fil-*main road* u kien ha jirkeb, Kenneth ghadda bil-karozza minn quddiem il-Vaxxillina. Filfatt ix-xhud qal li Kenneth wasal id-dar tieghu qablu. Spjega li meta hu minn dan il-bieb tan-naha tal-Vaxxillina mar jittawwal u sema' lil Alfio jghid li ha jmur igib senter

u jispara, u mbghad rega' mar lura lejn il-bieb tal-genb, Kenneth Micallef kienx ma' huh quddiem il-bieb tal-kazin.

Mistoqsi ghal darb' ohra rigward il-glieda fil-kazin, ix-xhud sostna li meta Ivan Attard qam bi flixkun u gie quddiem l-imputat, bejniethom kien hemmkemm kien 'il boghod minn Ivan Attard  jhid li kien boghod xi metru u nofs. Mistoqsi jekk Ivan Attard xejjirx dan il-flixkun lejn Kenneth, spjega li rah jippuntah fl-oghli lejn wiccu. Mistoqsi x'kienet il-mossa ta' Kenneth ezatt huwa spjega li laqtu ftit l'isfel mill-polz ta' jdejh, tajjarlu l-flixkun u mbottah. Cahad li ra lil Kenneth Micallef jaghti lil Ivan Attard, rah biss jimbuttah fuq mejda, *coffee table,* ghoxrin sekonda kollox, ghalkemm zied li fil-kommozzjoni ta' dak il-hin kien daqsxejn difficlu kien daqsxejn difficlu li jikkalkula l-hin, pero' zgur li ma kien hemmx hin twil. Insista li wara dan l-incident Ivan Attard u shabu, inkluz dik il-mara, kienu kollha barra l-kazin.

In ri ezami tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tenna li meta ra lil Ivan Attard iqum bil-flixkun ghal Kenneth Micallef, hu ra lill-imputat  jimmbotta lil Attard u dar biex jiehu lil huh, jigifieri ezattament x'ghamel Kenneth ma setax jara ghax kien qed jaghtih dahru.

In ri ezami mid-Difiza, ikkonferma li hu imbotta lil Ivan Attard, hu imbotta lil Ivan Attard li waqa' mal-art  li waqa' mal-art u mbaghad qam bil-flixkun u sab lil Kenneth quddiemu. Mistoqsi Kenneth x'kien qed jaghmel hemmhekk spjega li kien qed jiehu drink. Mistoqsi ghalfejn dahal fil-bicca xoghol bejn Ivan Attard u huh, spjega li fil-

fehma tieghu jekk tkun ma’ habib u tarah ser jaqla’ xebgha, tidhol tara x’inhu jigri, imqar kemm twaqqaf, tipprova tevita l-problemi. Mistoqsi jekk wara l-incident hu u Kenneth tkellmux fuq dan l-incident, spjega li Kenneth qallu *“hebb ghalijja bil-flixkun u mbuttajtu”* daqshekk biss qallu. Mistoqsi kif ghamel Kenneth biex tajjar il-flixkun minn idejn Ivan Attard, ix-xhud qal li tah daqqa f’idejh b’idejh. Ikkonferma li dak il-hin hu hareg lil huh ‘il barra.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehed **Alfio Attard** u qal li huwa kien gja deher quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u l-kawza tieghu kienet giet deciza. Spjega li fi Frar 2013, huwa flimkien mat-tifel ta’ huh Ivan Attard u habiba taghhom Shirley, marru l-kazin tal-Labour tar-Rabat. Jahseb li waslu wara l-hamsa. Qal li kienu qed jiehdu drink u wara ftit tal-hin qamet konfuzjoni. Huwa spjega li hu, Ivan u Shirley kienu flimkien qed jiehdu drink u kien hemm persuna li laqat lil Shirley bi spalltu u hu gibidlu l-attenzjoni. Dak skuza ruhu, izda wara ftit, qal, daru kollha ghalihom. Mistoqsi jekk jafx min hu din il-persuna li laqat lil Shirley bi spalltu, huwa spjega li jafu minn wiccu. Mistoqsi jekk jaghrafx lil xi hadd gewwa l-Awla spjega li le.

Mitlub jaghti deskrizzjoni tal-persuna huwa spjega li dalghodu rah jistenna hawn barra. Mistoqsi jekk hux il-persuna li ghadu kif hareg qablu huwa spjega li ma jafx pero’ daqsxejn twil u xaghru qasira u daqsxejn irqiq.

Huwa kompla jispjega li f’daqqa wahda daru kollha fuqhom aktar minn ghaxra (10) min-nies. Mistoqsi x’sar minn Ivan Attard huwa qal

li ma jafx. Hawnhekk il-Prosekuzzjoni fakkritu li qieghed taht gurament u li hu anke rrilaxxja stqarrijiet lill-pulizija. Zied jispjega li waqt li bdew jaghtuhom ma jafx x'sar minn Ivan, ghax hu kien qed jaqla' bhalu. Kien wara x'hin hargu barra l-Kazin li sar jaf x'sar minnu, ghax sabu mal-art. Kompla li pprova jqajmu imma dak ma setax iqum. Pero' minghand min qalghu id-daqqiet gol-kazin ma jafx. Ikkonferma li Ivan kienx maghhom, meta f'daqqa wahda nqalghet il-konfuzjoni. Qal li ra wiehed fih ragel gej mill-boghod fid-direzzjoni taghhom u kollha daru maghhom imbaghad. Mistoqsi jekk kienux xorbu hafna dakinhar, wiegeb li kienu xtraw zewgt iflixken whisky, imma t-tieni wiehed kienu ghadhom ma xorbuhx. Mistoqsi bejn kemm kienu nxtorbu dawn iz-zewgt iflixken whisky spjega li kienu huma t-tlieta u kien hemm koppja ohra hbieb taghhom. Kienu diga' xorbu wiehed. Mitlub jispjega min kienu l-koppja l-ohra, wiegeb li kienu hbieb taghhom, ir-ragel jismu Leli li minghalih kunjomu Farrugia, u kien hemm wahda mieghu ma jafx x'jisimha ezatt. Dawn kienu ltaqghu maghhom il-meeting, pero' kienu jafuhom qabel, ghalkemm ma kienux fthemu biex jiltaqghu hemm.

Fuq mistoqsija tad-difiza, x-xhud ikkonferma li kien hemm persuna li laqat lil Shirley go spallitha u hu gibidlu l-attenzjoni. Imbaghad dak il-persuna qallu qisu 'skuzani' w ghaddiet. Alfio Attard sostna li l-argument mhux minn hemm hekk beda. Qal li meta ghaddew qisu ftit minuti, qamet konfuzjoni w kulhadd dar fuqhom. Mistoqsi ghalfejn qamet il-konfuzjoni jghid li ma jafx u ma ghandux ideja ghaliex. Mistoqsi jekk kienx involut f'din il-konfuzjoni spjega li kien wiehed milli qala'. Mistoqsi jekk kienx hemm xi raguni partikolari ghalfejn

hu kien wiehed milli qala', jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk kienx hemm xi raguni partikolari ghalfejn sawwtuhom wiegeb li ma jafx u ghadu sa llum ma jafx ghalfejn qala' dan l-iswat. Mistoqsi jekk Ivan Attard u Shirley qalghux daqqiet spjega li iva, dazgur, izda ma jafx min tahom id-daqqiet. Mistoqsi ghalfejn ma jafx meta qala' l-ewwel daqqa x'ghamel, spjega li kien sab ruhu wiccu mal-art u beda jghatti rasu u kulhadd jaghtih. Dan sehh gol-kazin, u kif hareg barra jew harguh ma jafx, jaf li sab ruhu barra. Spjega li Ivan Attard kien mieghu meta kien qed jaqla' mal-art gol-kazin, imma sostna li ma kienx qed jarah. Zied pero' li qabel ma nqalghet il-konfuzjoni kien qieghed jarah u kien hdejh. Mistoqsi jekk meta kien mal-art gharafx lil xi hadd minn dawk li kienu qed isawtuh spjega li huma dawk l-istess nies li lil wiehed minnhom qallu, "*mhux hekk*!". Mistoqsi jekk jafux huwa wiegeb li dan maghruf bhala 'Il-Kakku'. Dan kien wiehed milli daru ghalihom u kien ma' huh. Imbaghad zied li waqt il-konfuzjoni ra persuna kbira, gej irrankat ghalihom. Mistoqsi jekk jafx min kienet din il-persuna l-kbira u jekk hijiex fl-awla, x-xhud indika lill-imputat Kenneth Micallef. Mistoqsi x'ghamillu w jekk sawwtux, stqarr li lilu ma jafx jekk sawwtux. Qal li ma jistax jghid ghax hu sab ruhu ma l-art, imma kompla jghid li rah gej mill-oppost tieghu, minn hdejn il-*bar*. Qal li dan x'hin ra lill-ohrajn imdawrin maghhom, mar irrankat b'sahha kbira. Mistoqsi jekk meta hu kien qieghed mal-art kienx hemm xi fliexken jghid li ma jafx, qal li forsi kien hemm xi hgieg. Mistoqsi jekk rax lil Ivan Attard f'xi mument b'xi flixkun f'idejh qal li le ma rahx. Mistoqsi b'liema manjiera ra lill-imputat gej lejhom spjega li b'guffagni kbira minn gon-nies, iwarrab in-nies u kien jidher li gej fid-direzzjoni dirett ghal go fihom.

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2016 rega' xehed **Alfio Attard** u spjega li jiftakar li hu kien irrilaxxa stqarrija in konnessjoni mal-incident fejn kien involut l-imputat. Rega' rrepeta li effettivament hu, Ivan u Shirley kellhom argument ma' tnejn (2) min-nies ohra pero' ma jafx x'jisimhom. Qal li dan l-argument kien waqaf u mbaghad f'daqqa wahda kulhadd dar ghal fuqhom. Zied li l-imputat ma kienx involut fl-argument originali. Li jaf huwa li effettivament dawn in-nies li kellhom xi jghidu maghhom tressqu l-Qorti. Sostna li Ivan filfatt kien wegga' u huwa l-vittma f'din il-kawza odjerna.

Xehed inoltre li meta qamet il-kommozzjoni xi hadd fuq il-*microphone* beda jghajjat ghal xi *bouncer*. Stqarr li huwa lill-imputat rah biss sejjer fid-direzzjoni taghhom u ma jistax jghid effettivament l-imputat missux jew le, jaf li spicca mal-art u kien hemm kommozzjoni. Jaf li fil-kazin kien hemm aktar minn sebghin (70) ruh dakinhar, dak il-hin tal-kommozzjoni.

Illi nhar id-9 ta' Lulju, 2013 xehdet **Shirley Camilleri** u spjegat li fi Frar tal-bar tal-kazin tal-Labour tar-Rabat kien stieden lil Alfio biex imur s'hemm, u hija w Ivan Attard marru mieghu u waqt li kienu hemm inqalghet din il-glieda. Mistoqsija fi x'hin marru l-kazin spjegat li ma tiftakarx il-hin forsi kienu s-sitta, il-hamsa u nofs u qabel kienu l-*meeting*. Minn jeddha qalet li ma kienitx xurbana. Qalet li hi kienet ma' Alfio u ma' Ivan u waqt li kienu fil-kazin taf li xi nies marru jkellmu lil Alfio. Hi kienet qed tizfen u ma tat kas ta' hadd imma taf li Alfio tkellem ma' xi nies. Mitluba tispjega kif inqala' l-incident

wiegbet li ma tafx kif beda, taf li nizlet minn fuq il-*billiard* u marru ghalihom. Ghalkemm qalet li kienet qieghda hemmhekk biex tizfen, sostniet li ma qabditx u telghet hi. Qalet li taf li kien hemm wiehed il-hin kollu qed idur mal-*billiard,* Alfio qallu xi haga w daqshekk, kollha marru ghalihom.

Mistoqsija jekk meta qed tghid kollha taghrafx lil xi hadd spjegat li gharfithom kollha. Gharfet lil tal-*bar* u lil dawk li sawtu lil Alfio. Ziedet tghid li lil Kenneth ma ratux hemm gew. Spjegat li lill-imputat tafu bhala *security* Paceville, però hemm gew ma ratux. Insistiet li kontra dak li qalu, hi ma tatx kaz ta' rgiel. Mistoqsija jekk gietx imsawwta, qalet li iva, pero' issa hafritilhom.

Sostniet li ghalemm kienet qed tizfen fuq il-*billiard* u allura kienet fil-gholi, xorta ma ratx x'kien qed jigri tahtha. Mistoqsija kemm kienet xorbot dak il-lejl, spjegat li kienet hadet tmienja whiskey JB izda ma kinitx xurbana. Il-whiskey xtrawh bil-flixkun u taw lil min ma kellux. Cahdet li kienu fis-sakra. Mistoqsija kif kienet libsa dakinhar spjegat li kienet liebsa shorts roza, flokk u glekk, u bit-takkuna u sellfuha kappell ahmar. Meta ngibditilha l-attenzjoni mill-Prosekuzzjoni, li dan ma kienx dak li qalet fl-istqarrija, insistiet li hi m'ghamlet xejn, u ma ggieldet ma' hadd u lanqas ittantat nies. Qalet li dak kien kollu gideb.

Sostniet li hija harget 'il barra msawta w ma tafx kif irnexxielha tohrog minn tahthom. Harget tghin lil Ivan u mbaghad Alfio qasam biex imur igib il-van. Regghu sabuh tnejn ohra. Kompliet li dak il-hin rat wiehed bi flokk abjad, dahru naqra kbir li kien sejjer jigri w hi

hasbet li kien se jsawwat lil Alfio. Pero' wiccu ma ratux ghax kien dahru lejha. Qalet li hi s'hemm taf.

Kompliet li mbaghad nizlet minn fuq il-*billiard*. Skond Alfio dak ir-ragel li kien qed idur mal-billiard taha daqqa, pero' hi qalet li ma hassithiex. Kien minn hemmhekk li nqalghet il-glieda. Cahdet li bdiet tittanta lil xi hadd, kienet biss qeghda tiehu gost tizfen. F'hin minnhom tghid li harguha barra bid-daqqiet.

Lil Ivan ratu barra mixhut mal-art. Kellimha tal-ahhar. Qalilha "ma niflahx inqum," u daqshekk. Hasbitu miet. Mistoqsija meta tghid kollha, ghal kemm-il persuna kienet qed tirriferi, spjegat li kien hemm hamsin (50) ruh gol-kazin u tahseb li lilha sawtuha xi ghoxrin (20). Kienet imbengla.

Insistiet li lilha Kenneth ma sawwatiex zgur, taf li bdew jaghtuha bis-sieq ghax waqqghuha mal-art. Taf min taha u ga hafritilhom. Imma tawha hafna. Imbaghad meta regghet giet mistoqsija min kienu li tawha, irrispondiet li ma tafhomx, pero' taf lil tal-*bar* ghax kienet habiba taghha. Waqqaghtha mal-art tal-*bar* stess, imma mbaghad min beda jaghtiha bis-sieq ma tafx.

Mistoqsija kif taf lill-imputat tghid li kellha partner li kien security u peress li Kenneth kien jahdem hekk ukoll kienet tafu hemm. Insistiet ghal iktar minn darba li fl-ebda hin ma ratu fil-kazin. Halfet li hija ma tat kaz ta' hadd hemm. Kinet zgura li ma ratux, ghax kienet tmur tkellmu.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami mid-difiza stqarret li hija s-siehba ta' Alfio w dakinhar kienu flimkien. Ghal darb' ohra sostniet li dakinhar x'hin inqala' l-incident fil-kazin, lil Kenneth ratux hemm. Qalet li lanqas ma semghet lid-DJ jghajjat lis-*security*. Filwaqt li kkonfermat li hija wkoll qalghet is-swat, regghet tenniet li lil Kenneth zgur ma ratux u kieku kien qed isawwatha kienet taghrfu peress li tafu. Qalet li hi qalghet daqqiet minghand tal-bar, il-mara, t-tifla u l-kumplament li kien hemm. Ivan kien maghhom pero' haduhom wiehed wiehed. Qalet li fil-fehma taghha fil-glieda kien hemm hamsin ruh jaghtu.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami mill-Prosekuzzjoni qalet li kellha hafna tbengil, ma kellhiex ksur imma kellha subghajha maqtugh u ghadha tbati b'din l-ghadma. Qalet li sarulha biss *butterfly stitches*. Il-Prosekuzzjoni ddeskriviet il-feriti taghha bhala 'light injuries'.

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2016 xehdet **Shirley Camilleri** ghat-tieni darba u kkonfermat li huwa minnu li kienet irrilaxxat zewg (2) stqarrijiet lill-pulizija. Spjegat li fil-kazin kien hemm hafna nies, xi hamsin (50) ruh, u dawn bdew jaghtu kollha. Qalet li waqt li rat lil xi hadd jaghti lil Ivan Attard u persuna ohra, lil Kenneth dak il-hin ma ratux ghax kieku kienet tkellmu. Il-kazin dakinhar hija kienet flimkien ma' Ivan Attard u Alfio Attard. Hija ma kinitx ilha tafu wisq lil Ivan, pero' dakinhar kienu fl-istess grupp. Ivan filfatt jigi minn Alfio. Huma t-tlieta kienu qeghdin jixorbu flimkien. Ziedet tghid li lill-imputat ma

ratux jiggieled. Rat bniedem barra ta' statura kbira, liebes flokk abjad, jigri, pero' dan ratu minn wara u ma tistax tghid li kien l-imputat. Ma tafx jekk din il-persuna kienitx sejra ssawwat l-Alfio. Ikkonfermat li huwa minnu li Ivan kien mar ghall-hazin, mal-art u qalilha li ma felahx iqum. Qalet li hi biss kienet hdejn Ivan maghruf bhala l-'Pillow' mal-art. Kenneth ma kienx hemmhekk fl-intorni.

Illi nhar it-30 ta' Settembru, 2013 xehed **PS46 Charlot Casha** li pprezenta r-rapport kongunt tieghu u ta' PC910 Sean Pace. Spjega li kienu gew nominati bhala Scene of Crime Officers fl-atti tal-Inkjesta dwar l-allegat feriment li sar gewwa u barra l-kazin tal-PL fi Triq San Pawl, ir-Rabat nhar it-tmintax (18) ta' Frar, tal-elfejn u tlettax (2013). Din ir-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala Dok. CC1.

Illi nhar is-16 ta' Dicembru, 2013 xehed **Dr. Mario Scerri** u spjega li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta dwar incident li sehh quddiem ir-Rabat Labour Party Club nhar is-sbatax (17) ta' Frar, 2013 fejn garrbu xi griehi Ivan Attard, Shirley Camilleri u Alfio Attard. Huwa kien gie mitlub biex jezaminahom.

Fil-fatt irrizultalu li Ivan Attard ittiehed l-isptar Mater Dei. Kien gie rregistrat fl-ghaxra u ghoxrin ta' filghaxija (10:20pm), kien mitluf minn sensih u ttiehed immedjatament ghal CT Scan. Mis-CT Scan wera li kien hemm frattura tal-*occipital bone* tax-xellug. Kellu *acutable dural haematoma* fuq il-parti t'isfel tal-*hemisphere* tan-naha tax-xellug bi hxuna massima ta' *twenty five* (25) *millimeters*. Kien hemm ukoll *haematoma* ohra sitt (6) millimitri fis-*subdural part* tal-

parti t'isfel tas-*cerebellum* fuq in-naha tal-lemin. Kellu nefha fil-mohh u kellu *compression*. Ma kellux aktar lezjonijiet hlief li kellu evidenza ta' *bilateral periorbital haematoma*. Dawn il-lezjonijiet kienu kompatibbli ma' *blunt trauma* vjolenti fuq ir-ras. Qal li Ivan Attard baqa' mizmum l-isptar, il-kundizzjoni tieghu stabbilizzat ruhha, tjiebet u eventwalment gie licenzjat mill-isptar Mater Dei.

Ezamina lil Shirley Camilleri ukoll. Bazikament Shirley Camilleri kellha hafna tbengil kompatibbli ma' *blunt trauma*. Kellha xi *grip marks* ukoll, dawn il-lezjonijiet kienu ta' natura hafifa.

Ezamina ukoll lil Alfio Attard. Dana kellu tbengil u abrazjonijiet kompatibbli ma' *blunt trauma*. Kellu *periorbital haematoma* madwar l-ghajnejn it-tnejn (2) kompatibbli ma' *blunt trauma*. Dawn il-lezjonijiet ukoll huma ta' natura hafifa.

Ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MS. Huwa spjega li Ivan kellu feriti ta' natura gravi, dana kellu frattura tal-kranju, kellu tbengil fil-mohh, lezjonijiet ta' natura gravi. Pero' stabbilizza ruhu u l-kundizzjoni tieghu mmeljorat u gie licenzjat mill-isptar. Qal li ghamel xi jumejn (2) l-ITU. Zammewh ukoll l-NSU mbaghad baghtuh id-dar. Stabbilizza ruhu gurnata wara l-ohra kien dejjem stabbli u dejjem immeljora. Mistoqsi jispjega xi jfisser meta jghid 'stabbilizza ruhu', spjega li meta jkollok h*emorrhages* fil-*brain* u fratturi fil-*brain* jistghu jaqilbu kemm l'hemm u kemm l'hawn. Lezjonijiet illi tahseb li huma hfief fil-*brain* jistghu jikkomplikaw rwiehom u jista' pazjent imutlek malajr. Lezjonijiet imbaghad li jkunu

hafna qawwijin li tghid dan il-pazjent ha jmut zgur imorru tajjeb jigifieri ma tistax tggeneralizza. Imma l-lezjoni ta' Ivan Attard kienu ta' natura gravi per se ghaliex kellu emorogiji fil-*brain*, mar tajjeb bil-*conventional treatment* illi ha l-isptar, qaleb ghall-ahjar u ovvjament imbaghad gie licenzjat.

Mistoqsi jekk kienx fil-periklu li jitlef hajtu spjega li meta jkollok tbengil fil-*brain,* dejjem ta' natura gravi jkunu w dak li jkun jista' jkun fil-periklu li jista' jitlef hajtu.

Mistqsi jekk jistax jispjega ezattament *a blunt truama* fil-kuntest mediku mill-ottika tieghu medika, spjega li *blunt truama* hija terminu generali. Qal li fir-relazzjoni tieghu spjega kollox u qasam kollox, x'kienu l-abrazzjonijiet. Qal li abbrazzjonijiet huma lezjonijiet li jinvolvu *superficial layers* tal-gilda dawk jistghu jkunu b'daqqa. It-tbengil jista' jkun kemm b'ghafsa allura *grip mark* u kemm b'daqqa allura *blunt trauma*. Per ezempju Alfio kellu *periorbital haematoma* dik hija kompatibbli ma' xi daqqa fl-ghajn u jista' ikun permezz ta' daqqa ta' ponn, jista' ikun daqqa ta' xi haga ohra. Fejn kellu tbengil x'imkien iehor kien kompatibbli ma' *grip marks*. Huwa spjega kollox fir-relazzjoni.

Illi nhar is-16 ta' Dicembru, 2013 xehdet **Dr. Charlene Plumpton M.D.** fejn giet mitluba sabiex taghti nformazzjoni rigward il-pazjent Ivan Attard. Spjegat li ezaminatu gewwa Mater De fis-sbatax (17) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) f'xi l-ghaxra u nofs ta' filghaxija (10:30pm). Meta ezaminatu sabet li bazikament kellu tbengila madwar

ghajnejh il-leminija u tbengila fuq idejh ix-xellugija. Kellu tbengila fuq in-naha ta' wara ta' rasu hawn isfel u kellu ksur tal-ghadma tan-naha tax-xellug tan-naha ta' isfel ta' rasu. Kien hemm demm li ngabar taht l-ghadam fuq in-naha tax-xellug fuq in-naha ta' wara tar-ras. Kien hemm demm ukoll li ngabar fuq in-naha tal-lemin tar-ras minn gewwa u fuq, kien hemm ukoll demm li ngabar fuq in-naha tal-lemin ta' quddiem. Kien hemm ukoll evidenza li kien hemm nefha li qed tikkawza li qed tikkompressa l-gewwa tar-ras. Hija spjegat li ccertifikat dawn il-griehi bhala ta’ natura gravi u *life threatening,* jigifieri kien fil-periklu tal-mewt. Hija ratu fis-sala tal-Emergenza. Mistoqsija mbaghad min-naha taghha x'passi hadet dwaru, hija spjegat li l-pazjent ezaminatu hi u anke ezaminawh it-tobba ta' fuqha. Ovvjament dan sarlu CT Scan, instabulu dawn l-*injuries* u wara mar l-ITU w rawh it-tobba tal-ITU. Hija ratu darba biss gol-emergenza. Giet mistoqsija jekk meta rat lill-pazjent Attard kellmitux u spjegat li ppruvat tkellmu izda l-pazjent ma kienx qed jirrispondi, jigifieri ma kellimhiex lura. Hu kien *unconscious*.

Illi nhar il-21 ta' Jannar, 2014 xehed **Dr. Martin Bajada LL.D** u spjega li kien gie innominat fl-istadju tal-Inkjesta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli sabiex jiccekja s-CCTV Cameras li hemm fl-akkwati tal-P.L. Club li jinsab fi Triq San Pawl, Rabat u sussegwentement sabiex jiehu x-xhieda guramentata tal-Istqarrijiet kollha moghtija lill-Pulizija. Huwa ipprezenta ir-relazzjoni tieghu li giet markata bhal dok MB u spjega li l-filmat tas-CCTV li ipprezenta gew mehuda mis-CCTV li hemm installati fil-fond ta’ C. Camilleri and Sons li tinsab fi Triq Santa Rita, gewwa Cosmana Navarra li

tinsab Triq San Pawl, Golden Harvest li jinsab ukoll Triq San Pawl u Santa Lucia li huwa kantuniera Triq San Pawl ma' Triq il-Kbira. Dawn gew markati bhala dok KSB2. L-ebda wahda minn dawn is-CCTV's ma ggib il-post fejn sar l-incident allura m'hemmx CCTV's tal-incident mertu tal-kawza.

In kwantu tal-Istqarrijiet kollha mehuda mill-Pulizija fl-ghoxrin (20) ta' Frar, tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa acceda fl-Ghassa tal-Marsa fejn issejhu l-persuni kollha li taw l-Istqarrijiet u kkonfermaw l-istess Stqarrijiet bil-gurament quddiemu. Mistoqsi jekk ghal li jista' jkun ivverifikax jekk fil-kazin in kwistjoni hemmx CCTV Cameras spjega li fil-fatt sar access apposta fil-kazin u dan kien gie ordnat mill-Magistrat. Huwa acceda fil-kazin fid-dstatax (19) ta' Frar u wara li dar il-kazin kollu gewwa u barra ma sabx li kien CCTV.

Illi nhar is-26 ta' Frar, 2014 xehed **PC910 Shaun Pace** u gie muri dokument li hu indikat bhala CC1. Spjega li gharaf ir-rapport li ghamel hu flimkien ma’ PS 446 Charlo Casha. PS446 kien inkarigat mit-tehid ta’ ritratti, filwaqt li huwa eleva oggetti minn fuq il-post, kif ukoll kien hemm xi ticpis hamrani kemm barra kif ukoll gewwa il-bini. Bazikament huwa kien xoghol tas-Scene of Crime fuq il-post.

Illi nhar is-26 ta' Frar, 2014 xehed **Mr Antoine Zrinzo M.D.** u gie mitlub sabiex jispjega il-feriti li ssubixxa Ivan Attard. Jghid li kien rah meta kien iddahal l-isptar Mater Dei wara l-griehi li garrab fis-sbatax (17) ta’ Frar, tal-elfejn u tlettax (2013). Spjega li Attard kien garrab griehi f’rasu motivament f’rasu fin-naha ta’ wara, cappa demm

fuq il-parti wara tal-mohh fuq il-mohh iz-zghir, ic-cerebellar fuq ix-xellug iktar milli fuq in-naha tal-lemin, u kellu ftit demm ukoll fuq il-wicc tal-mohh bhala effett ta’ kwantriku, li jigi fuq in-naha ta’ quddiem. Minhabba l-kundizzjoni li kien fiha, iddahhal l-ITU u kien intubawh u zammewh taht *sedation*. Sarulu diversi kontrolli ta’ CT Scans ghax riedu jaraw jekk eventwalment ikunx hemm bzonn li c-cappep tad-demm jew xi wahda minnhom ikollha bzonn li tinqala’. Bil-mod il-mod beda jaghmel progress minghajr interventi u fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’Frar wara nehhewh minn mal-magna u ttella’ fuq is-sala. Kien ikun konfuz u ecitat fuq fis-sala, pero' eventwalment il-livell tal-kuxjenza tieghu beda jiddeterjora. F’wiehed mill-*control* CT’s kienu skoprew dak li jghidulu *‘ventricles’* u cioe’ l-kmamar gon-nofs tal-mohh kien kibru a paragun ghal meta dahal u kienet saret operazzjoni u tqieghedlu *external ventricular drain* biex il-pressa fir-ras titbaxxa. Jghid li wara dan irregistra progress, pero' wara certu zmien l-*level of conciousness* u anke bhala ecitazzjoni rega’ beda jmur lura. U fl-ewwel (1) ta’ Marzu imbaghad saret operazzjoni biex titnehha c-cappa tad-demm fuq wara tar-ras. Fit-tmienja (8) ta’Marzu mbaghad tnehha anke dak id-*drain* li semmejna. Bil-mod il-mod il-kundizzjoni bdiet titjieb u kien baqghalu problema ta’ djufija fuq in-naha tal-lemin ta’gismu u kien jilmenta wkoll li jara doppju. Kellu problema anki biex jaghmel l-awrina. Spjega li l-problema tista’ tkun minhabba li fl-ITU jkollhom bzonn jaghmlulu *urine catheter* u jaf jkun hemm infjamazzjoni u wara li jitnehha dan il-*catheter* ikun hemm min ibati. Kienu rrangaw biex wara jmur ghar-Rehabilitation Karen Grech u gie *transferred* hemmhekk fil-hmistax (15) ta’ Marzu. Jigifieri minn Mater Dei mar direttament Karen Grech ghar-Rehab

fejn baqa' jaghmel progress bis-sahha tal-Occupation Therapist u Physo-Therapist u hemmhekk ghamel sat-tmintax (18) ta' April tal-istess sena. Ix-xhud qal li hemmhekk kien rah il-kollega tieghu Mr. Agius li wkoll kien innota li kien baqa' jaghmel progress. Sa dak iz-zmien sa April kien ghadu kultant jara doppju. Semma li kellu problema tal-bilanc, biex jimxi f'linja dritta siequ quddiem l-ohra, dak li jghidulu *temndem gate*. Huwa rah l-ahhar fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena l-ohra w qatt ma lmenta b'accessjonijiet jew ugiegh ta' ras. Kompla li ma kienx ghadu jara doppju ghal kollox u ma kienx hemm djufija. L-uniku haga li kien ghad fadallu kienet dak li jghidulu Neurogical Deficit, cioe' jekk tghidlu biex jimxi sieq quddiem l-ohra ma jibqax fuq il-linja. Inoltre li tghidlu biex jitteppja ma jkunx daqshekk hafif u dan huwa sinjal tal-problema li kellu fuq in-naha ta' wara tal-mohh il-*gradual celebral disturbances.* Pero' kien ghamel hafna *improvement*. Spjega li konsegwenza ta' dan kollu, llum ibati minn nuqqas ta'*co-ordination,* imma mill-bqija bhala menti (mohh) m'ghandux ghalfejn jkun hemm problema min-naha ta'fuq.

Ix-xhud qal li hu ra lil Attard l-ahhar fl-ahhar ta' Awissu tal-2014 u ma kienx hemm problemi min-naha ta' Neuro Surgery. Qal li ghalkemm huwa mhux psikjatra, jaf li kellu problemi ta' alkohol, pero' zied li qatt ma tista' tghid daqqa x'effetti jista' jkollha.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami mistoqsi meta kienet id-data ezatti ta' meta nvistah u wiegeb li hu jkun rah wara ghaliex meta bniedem ikun intubat ma tantx ikun hemm x'tezamina specjalment meta jkun mitluf minn sensieh. Li jkun jinterresahom f'dak l-istadju

huwa jekk ghandux bzonn l-operazzjoni, w mill-bqija m'hemmx x'tezamina. Gie mistoqsi jekk minn testijiet inizjali fuq il-pazjent irrizultax li kien hemm konsum ta' alkohol u droga, w ix-xhud wiegeb li ma kienx hemm rizultati f'dan is-sens ghalkemm kien hemm min semma' li kien hemm konsum tal-alkohol. Ikkonferma li ssemmiet *substance abusing* fid-*discharge letter*. Huw*a* pprezenta r-rapport li gie markat bhala Dok. AZ1.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehed **Nicholas Gauci** u spjega li huwa minnu illi fis-sbatax (17) ta' Frar, tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien gewwa l-Kazin tal-Labour li jinsab sitwat fi Triq San Pawl, ir-Rabat, Malta. In oltre jaf ukoll li huwa kien diga' ta x-xhieda tieghu quddiem l-espert nominat mill-Qorti. Muri l-istqarrija guramentata li kien irrilaxxja nhar id-dsatax (19) ta' Jannar, 2013 fil-prezenza tal-espert nominat mill-Qorti Martin Bajada, tal-Ispettur Sarah Magri, kif ukoll ta' PS561, gharaf il-firma tieghu fuq din l-istess stqarrija li tikkonsisti f'zewg (2) faccati. Jaf ukoll illi apparti din l-istqarrija irrilaxxja stqarrija ohra pero' din ma instabitx inserita fl-atti. Huwa jikkonferma dak kollu li diga' qal fl-i*statement* tieghu.

Illi nhar is-26 ta' April, 2016 rega' xehed **Nicholas Gauci** fejn ikkonferma li huwa kien diga' xehed darbtejn ohra, cioe' quddiem il-perit tekniku Martin Bajada u fis-16 ta' Mejju 2014 fil-Qorti. Irrakkonta li dakinhar tal-incident wara li kienu marru l-meeting tal-Labour, marru jixorbu l-Kazin tar-Rabat. Mieghu kien hemm l-gharusa tieghu, illum martu w huh Chris Gauci. Qal li dakinhar fil-

kazin kien hemm hafna nies, madwar sebghin (70) ruh. Fosthom kien hemm tlieta (3) min-nies li mhumiex mir-Rabat u li hu qatt ma kien kellimhom. Maghhom kien hemm mara liebsa provokanti hafna, tant li bla ma trid thares lejha. Din bdiet tehmez lin-nies fosthom lilu. Spjega li hu baqa' diehel hdejn id-DJ stand u ddecidew li jcemplu lil Kenneth Micallef biex imur hdejhom. Dan mar u komplex jixorbu flimkien. Qal li hin minnhom ra tnejn min-nies, wiehed xaghru griza w l-iehor ismar, li ma jafx min hu. Il-pulizija qalulu li ta' xaghru griza jismu Alfio. Kompla jirrakkonta li lil dawn it-tnejn rahom wicc imb' wicc ma' huh, pero' hu baqa' fejn kien. Pero' mbaghad huh tahom dahru u huwa ra lil wiehed minn dawn sejjer warajh b'xi haga f'idu, li wisq probabbli kien flixkun. X'hin ra hekk huwa ntervjena, mbotta lil din il-persuna u waqqa' lil din il-persuna w lil Alfio. Fl-istess hin ra persuna ohra gejja u ra lil Kenneth itajjarlu l-flixkun minn idu u waqqghu mal-art. Sadanittant huh qabdu w hadu lejn it-tieqa w Kenneth mar hdejhom. Qal li mbaghad ma setax jara iktar x'kien ghaddej ghax kien hemm hajt tan-nies li firidhom. In-nies hargu kollha barra, waqt li hu w Kenneth baqghu hdejn it-tieqa, ma hargux.

Spjega li fil-kazin kien fadal biss xi hmistax-il ruh (15). Qal li l-vittma Ivan Attard ukoll kien hareg, anzi effettivament harguh in-nies. Huwa fl-ebda hin ma ra lil xi hadd jigbor lil Ivan Attard mill-art. Meta nhargu n-nies kollha, inghalqu l-bibien tal-kazin biex ma jergghux jidhlu. X'gara barra ma jafx, jaf li kien hemm ghajjat u hoss ta' hgieg jinkiser.

Insista li hu fl-ebda hin ma ra lil Kenneth Micallef jerfa' jdejh fuq Ivan Attard. Mistoqsi jekk dakinhar Ivan Attard kienx xurban, qal li fil-parti fejn kien qieghed Attard kien hemm xi tlett (3) ifliexken tax-xorb vojta. Jaf li dawn kienu erba' min-nies.

In kontro-ezami qal li Kenneth kien intervjena fuq Ivan. Huwa kien qieghed hdejn il-mejda tal-billiard, kwazi fin-nofs fejn hemm it-tieni (2) pocket filwaqt li d-DJ stand kienet xi ghaxar passi jew ftit inqas il' boghod minnhom. Sostna li huwa ra lil Ivan Attard sejjer lejhom bil-flixkun f'idejh u jekk mhux sejjer zball ghadda minn hdejn il-magna tas-sigaretti. Dak il-hin Kenneth tajjarlu l-flixkun minn idejh u mbuttah mal-art. Qal li sa fejn jiftakar, lejn il-magna tas-sigaretti hemm ukoll television. Spjega li kollox sar 'split of a second' u malli waqa' Ivan Attard rega' qam mill-ewwel. Ix-xhud qal li Kenneth tajjarlu l-flixkun ghax kien sejjer bih fid-direzzjoni taghhom.

Illi nhar is-7 ta' Ottubru, 2014 xehdet **Dr Marisa Cassar** u spjegat li hija kienet giet nominata fl-atti tal-Inkjesta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli u seduta stante esebiet r-relazzjoni taghha li giet markata bhala dokument MC. Minn ezami ta din ir-relazzjoni jirrizulta li l-espert harget profil genetiku ta' ragel u ta' mara fuq l-esebiti li gew mghoddija lilha, pero' ma jirrizultax ta' min kien id-demm u ghalhekk tali prova m'ghandha l-ebda effett fuq il-mertu tal-kawza.

Rat illi fit-2 ta' Dicembru, 2014 gew moqrija l-Artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi l-imputat **Kenneth Micallef** xehed fis-seduta tas-26 ta' April, 2016 fejn ftakar li dakinhar tal-incident huwa kellu jmur il-meeting tal-Labour imma ma marx ghaliex kienet cemplitlu omm it-tifla tieghu u qaltlu li jekk kien se jmur il-meeting seta' jinsa lit-tifla w allura ghazel li jmur mat-tifla. Qal li sas-sebgha w nofs (7:30) kienu ghadhom fil-hanut ta' ommu jieklu. Kien sejjer Paceville pero' cemplulu Nicholas Gauci w huh u qalulu biex imur hdejhom u iddecieda li jmur nofs siegha qabel imur Paceville.

Meta wasal ra mara tizfen fuq il-billiard. Din kienet Shirley Camilleri, li bdiet tittanta lil dak u lill-iehor. Qal li gab *drink* u qaghad mal-mejda tal-billiard quddiem id-DJ stand, jitkellem ma' shabu w kultant johrog barra. F'hin minnhom rega' dahal u ra lil Chris Gauci, hu Nicholas maghruf bhala l-Kakku, jitkellem ma' dawn in-nies mill-Marsa. Imbaghad ra lil Nicholas gej jigri, dar u sab lil Alfio li kien se jaghti bil-flixkun go ras Christian. Huh Nicholas intervjena w qalibhom mal-art. Dawn qamu, qabdu l-fliexken, marru fuq Nicholas u ra iehor li llum jaf li jismu Ivan Attard, sejjer ghal fuqu. Spjega li dan kisser flixkun mal-mejda w qallu 'la inti qieghed maghhom ha tehodha wkoll' u beda jxejjer bil-flixkun. Huwa tajjarlu l-flixkun minn idu u mbuttah 'l hemm u dak gie bilqeghda fuq il-coffee table. Qam, gholla l-mejda w beda joffendih.

L-imputat kompla li mbaghad Christian qabad lilu minn spalltu w gibdu lura w kienu resqu lejn id-DJ stand. In-nies bdew hergin 'il barra. L-istorbju baqa' jikber. Il-bieb tal-kazin inghalaq u nkiser il-hgieg tat-twieqi ghax bdew iwaddbu l-fliexken lejn il-faccata tal-kazin. Huwa baqa' gewwa. Qal li forsi kien baqa' hmistax (15) jew ghoxrin (20) ruh fil-kazin. Imbaghad hareg mill-bieb tal-genb u mar ghall-karozza li kienet vicin il-kazin u telaq. Wassal lill-ahwa Gauci d-dar u baqa' sejjer lejn daru. Qal li meta Ivan Attard gholla l-mejda, beda jghidlu li se jpattihielu, pero' qal li huwa ma kienx jafu w qatt m'ghamlu xejn lil xulxin. L-ewwel darba li rah kien dakinhar fil-kazin. Lil Ivan Attard harguh in-nies 'il barra.

In kontro-ezami rrepeta li kien Ivan Attard li gholla l-coffee table. Ikkonferma li kien irrilaxxja zewg stqarrijiet, li rahom esebiti fl-atti a fol. 13 et seq. tal-process. Stqarr li Ivan Attard fl-ebda hin ma tefa' l-mejda lejh, gholliha, beda jghajjru w imbaghad hargu 'l barra. Ikkonferma li kien imbotta lil Ivan Attard u li rah jaqbad il-mejda w jitfaghha. Ikkonkluda billi qal li Ivan Attard hareg mill-kazin fuq saqajh.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 fejn sahansitra anke talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega f'aktar dettal dak li kienet qalet lill-pulizija li nvestigat il-kaz *a tempo vergine* ftit wara li kien sehh l-incident fejn fih kien korra b'mod gravi, skond ma xehdu it-tobba Dr. Mario Scerri, li kien nominat fl-atti tal-inkjesta, kif ukoll il-Konsulent Dr. Antoine Zrinzo, li ikkonfermaw li Ivan Attard kien qieghed fil-periklu li jitlef hajtu. Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll nies ohra li kienu fil-kazin dakinhar tal-incident. L-imputat ghalkemm mhux obbligat li jixhed, ghazel li jixhed u jikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu b'mod konsistenti *a tempo vergine* kif jirrizultaw mill-istqarijiet tieghu esebiti fl-atti tal-inkjesta kkonfermati quddiem l-esspert nominat mill-Qorti Dr. Martin Bajada, kif ukoll aktar tard meta b'mod volontarju ghazel li jaghti ix-xhieda tieghu u jikkonferma dak li kien qal *a tempo vergine* tal-investigazzjoni. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et**' u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt.The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the*

*evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali

konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero’ huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta’ Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*“It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista’ jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe’ li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe’ tisma’ viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita’ u

veracita’ tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami.

L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap. 9** u cioe’ li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghall-mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista’ jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita’ tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li kif gja ntqal hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux id-dubji ragjonevoli fiha jew le. Huwa indispensabbli li xhud sabiex ikun kredibbli irid ikun konsistenti f’dak li jghid u mhux ibiddel il-verzjoni tal-fati kif maghrufa minnu. Il-konsistenza hija fundamentali ghall-kredenza ta’ xhud.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn - jew li l-imputat qed jghid il-verita’ u cioe’ li huwa hareg lil Ivan Attard ‘il barra sabiex inaqqas il-glied u l-kommozzjoni li kien hemm gewwa l-kazin, jew ma hiex. Pero’ fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat m’hux hati tad-delitti imputati lilu, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li l-prosekuzzjoni ma

irnexxilhiex tipprova il-kaz sal-grad rikjest mil-ligi mil-lenti fuq spjegata.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, w dan ai termini tal-**Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:-

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-

innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi huwa risaput li l-Qrati taghna dejjem ekwiparaw ir-rinviju ghall-gudizzju ma' l-att ta' l-akkuza (ara, *inter alia*, is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal Appell kolleggjalment komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Leonard Callus u Lawrence Callus** (04.06.2002). Ghalhekk ir-regola msemmija fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 435 tal-Kodici Kriminali ghandha tapplika bl-istess mod ghar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma tridx titratta mal-akkuzi kif dedotti mill-Pulizija Ezekuttiva u cioe' mal-akkuza partikolari ta' attentat ta' omicidju, izda ghandha tillimita ruhha mal-Artikoli imsemmija mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tal-21 ta' Novembru 2014 (fol. 255 tal process).

Issa, l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija li "minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Attard". Fir-rinviju ta' l-

Avukat Generali fuq imsemmi, l-Avukat Generali zied jghid illi dan sar "bi ksur tal-Artikoli 214, 216 (1) (d), 218 (1) (a) (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta".

L-imputazzjoni kif dedotta turi bic-car illi l-imputat gie akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Attard. Issa offiza tista' tkun jew hafifa jew gravi (Artikolu 214 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). L-offiza gravi mbaghad tista' tkun gravi jew "gravissima". Il-ligi taghna ma tuzax il-kelma "gravissima" izda l-gurisprudenza tuza t-terminu "gravissima" sabiex tiddistingwi bejn offiza "gravi" skond l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u offiza gravi li ghandha konsegwenzi aktar serji – minhabba l-permanenza taghhom – skond l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fiz-zewg kazijiet l-offiza hi deskritta mil-ligi bhala wahda "gravi" u ghalhekk imputat jigi akkuzat li kkommetta offiza ta' natura gravi. Mela sija jekk offiza tkun "gravi" sija jekk "gravissima" id-dicitura ta' l-imputazzjoni ser tibqa' l-istess. Jekk offiza hijiex "gravi" jew "gravissima" mbaghad irid jirrizulta mill-provi u ghalhekk, jekk l-Avukat Generali dehrlu li l-offiza/i li garrab Ivan Attard kienu ta' natura "gravissimi" kellu kull dritt jixlieh fir-rinviju ghall-gudizzju bl-Artikolu 218 tal-Kodici. Huwa il-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina bir-reqqa ix-xhieda moghtija mit-tobba sabiex tasal ghall-gudizzju biex tpoggi il-ferita allegatament subita minn Ivan Attrad fl-artikolu appositu tal-ligi. L-intenzjoni trid tkun l-istess u cioe' dik generali li tikkaguna l-hsara fuq terz.

Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-**Professur Anthony J. Mamo** jghid hekk:

*To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.*

*... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu."* (pagna 225)

Kif osservat mill-Qorti tal-Appelli fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marco Borg**, deciza fl-20 ta' Jannar 2014, illi ghandu jinghad illi sabiex jissussisti r-reat ta' l-offiza volontarja hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-*

*konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu*."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-30 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, qalet hekk:

"*Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza*".

Il-Qorti tirrileva li effettivament kien hemm diversi tobba li xehdu f'dawn il-proceduri, whud minnhom *ex parte*, w cioe' bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni u Dr. Mario Scerri li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti bhala xhud tal-Qorti.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-24 ta' Settembru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renard Cassar**, fejn gie ritenut hekk:

*"... hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (art. 650(1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9)".*

Cio' nonostante una volta li l-Qorti tasal sabiex tikklassifika il-ferita subita, trid tasal ukoll ghal min hi l-persuna li kkagunat il-ferita w x'wassal sabiex dak l-istess aggressur iferi lill-vittma - f'kaz li l-aggressur ikollu xi difiza legittima xi jressaq bhal dik ta' provokazzjoni jew legittima difesa.

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 216 (1) (a)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi is-segwenti:-

**216.** *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi,*
*(a) jekk tista' ġġib periklu –*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ; u*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
*F'kaz li tirrizulta ferita kif hawn fuq deskritta il-hati ghandu jingħata piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin."*

Rat li skond l-Artikolu 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 kwotat mill-Avukat Generali offiza tikklassifika bhala gravissima:-

*(a) jekk tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh;*
*u*
*(b) jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;*

U f'din it-tieni ipotezi l-akkuzat jekk jinstab hati ghandu jingħata piena ta' priġunerija minn minn disa' xhur sa disa' snin.

Ghalhekk huwa il-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tiklassifika il-ferita skond l-artikoli tal-ligi.

Dr. Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu jghid li ezamina tlieta (3) min-nies u cioe' lil Shirley Camilleri, Alfio Attard u Ivan Attard. Pero' il-Qorti sejra tqis biss l-ezami mediku li sar fil-konfront ta' Ivan Attard peress li l-Prosekuzzjoni illimitat l-akkuza fil-konfront ta' Ivan Attard biss.

Jispjega illi Ivan Attard "*iddahhal fl-isptar Mater Dei fl-10.20p.m. tas-17 ta' Frar 2013 mitluf minn sensieh u ittiehdet immedjatament ghal CT scan. Jghid li mill-ezami tas-CT scan irrizulta li kien hemm frattura tal-occipital bone tax-xellug u acute epidural haematoma fuq il-parti t'isfel tas-cerebellar hemisphere tan-naha tax-xellug li kienet tikkaguna djuq fil-4th ventricle. Il-hxuna massima ta' din il-haematona kienet ta' 25 millimetri. Kien hemm ukoll haematoma ohra 6 millimetri li kienet subdural fuq il-parti t'isfel tas-cerebellum tan-naha tal-lemin.* Jghid ukoll li *kien hemm evidenza ta' cerebral oedema u compression"* .

Ikkonkluda li dakinhar tal-ewwel ezami l-kondizzjoni ta' Attard kienet wahda gravi.

Illi cio' nonostane Dr. Scerri jghid li acceda mill-gdid l-isptar Mater Dei nhar it-18 ta Frar 2013 fil-11.15a.m. fejn sab li "l-*kundizzjoni ta' Attard baqghet stabbli. Ittiehed C T scan iehor li wera li l-hxuna tal-acute epidural haematoma fuq il-parti t'isfel tas-cerebellum tax-xellug kienet l-istes wisgha komparata ma' dak mehud aktar kmieni. Illi l-brain sulci fuq is-cerebral hemispheres kienu effaced minhabba diffuse oedema. Illi l-acute subdural haematoma fuq il-frontal lobe tal-lemin kienet l-istess daqs ta' 3 millimetri. Illi ma kienx hemm evidenza ta' midline shift*."

Huwa ikkonkluda finalment li l-lezjonijiet deskritti fuq il-pesuna ta' Ivan Attard kienu ta' natura gravi hafna u huma kompatibbli kollha ma' *blunt trauma* kagun ta' glieda.

Pero’ l-Qorti ezaminat ukoll ix-xhieda moghtija minn Dr. Antoine Zrinzo Konsulent Newrologiku, dwar il-permanenza o meno tal-feriti li subixxa Ivan Attard, u dan ghaliex tali xhieda hija wahda fattwali.

Jghid *ex admisses* fis-seduta tas-26 ta’ Frar 2014 li “*Kienu rrangaw biex imbaghad jmur (referenza ghall Ivan Attard) ghar-Rehabilitation Karen Grech u gie transferred hemmhekk fil-hmistax (15) ta’ Marzu jigifieri minn Mater Dei mar direttament Karen Grech ghar-Rehab fejn baqa’ jaghmel progress bis-sahha tal-Occupation Therapist u Physo-Therapist u hemmhekk ghamel sat-tmintax (18) ta’ April tal-istess tas-sena l-ohra. Kien rah il-kollega tieghu Mr. Aguis l-istess li kien innota li kien baqa’ jaghmel progress. Sa dak iz-zmien sa April kien ghadu jkollu kultant jara doppju, hu li kellu, kellu problema naqra wahda tal-bilanc biex jimxi f’linja dritta sieqħ quddiem l-ohra dak jghidlu tendem gait. Huwa rah l-ahhar fl-ewwel (1) ta’ Awwissu 2014 qatt ma lmenta b’accessjonijiet jew ugiegh ta’ rasijiet, ma kienx ghadu jara doppju ghal kollox, ma kienx hemm djufija l-<u>uniku</u> haga li kien ghad fadalu dak li jghidulu Neurogical Deficit jekk tghidlu timxi sieq quddiem l-ohra qiesu bhala meta bniedem tghidlu kejjel il-pied ma jibqax fuq il-linja u naqra wahda meta tigi biex tittepja hekk taghmilha fast bl-ohra ma tkunx daqshekk ghagli jkun sinjal tal-problema li kellu fuq in-naha ta’ wara tal-mohh il-gradual cereberly disturbeses pero' kien ghamel hafna improvement jigifieri. Mistoqsi dwar meta qed jghid kellu problema fuq xi partijiet tal-mohh dawn illum il-gurnata x’konsegwenzi setgha kellhom fuq il-persuna huwa spjega li ghandek bhala nuqqas ta’co-ordination imma mill-bqija*

*bhala menti m'ghandux ghalfejn jkun hemm problema min-*naha *ta'fuq*."

Rat dak li qal il-vittma stess u cioe' li dam l-isptar xaghrejn u ghadu jbati minn saqajh, jistordi, ma jimxix, idejh rieqda, ma jxommx u ma jtiehemx ghax kellu in-nervaturi maqtughin.

Ghalhekk in konkluzjoni dwar din il-materja jinghad bla tlaqliq li l-ferita li ssubixxa Ivan Attard taqa' fil-parametri tal-**Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9** kkwotat mill-Avukat Generali u tiddikjara li tali offiza tikklassifika bhala **gravissima** ghaliex qed tikkaguna debbulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem u dan billi gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem konsistenti fil-fatt li Ivan Attard ghandu nuqqas ta' *co-ordination*.

Jispetta issa lill-Qorti tara jekk l-ferita gietx kagunata mill-imputat odjern.

Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:-

Illi nhar is-17 ta' Frar 2013 l-imputat flimkien mal-hbieb tieghu Christian Gauci u Nicholas Gauci maghruf bhala 'il-Kakku' marru jiehdu *drink* fil-kazin tal-Labour tar-Rabat u dan ghaliex dakinhar kien hemm *mass meeting* u wara ltaqgu numru ta' hbieb sabiex jiffesteggjaw flimkien. Jirrizulta li l-imputat jiffrekwenta dan il-bar kull tant zmien u ghalhekk il-konjugi Vassallo li jmexxu il-bar kienu jafu lill-imputat. Fost in nies fil-bar kien hemm tlett irgiel, u cioe' l-

vittma Ivan Attard, Alfio Attard u Leli Farrugia ma' mara, certa Shirley Camilleri, lkoll mill-Marsa li m'humiex parruccjani ta' dan il-kazin u li kienu marru hemmhekk dakinhar tal-incident. Jidher li l-irgiel Attard u Shirley kienu qed jixorbu il-whiskey, kif ikkonfermat Shirley stess, u bhalma kkonfermat Maria Vassallo li kienet wara il-bar - li kienu gja xtraw zewg flixken whiskey. Jirrizulta ukoll li fil-bar kien hemm hafna nies, bejn hamsin (50) u sebghin (70) ruh u kien hemm hafna briju, tant li anke DJ kien hemm. F'xi hin inqala' incident waqt li Shirley Camilleri kienet qed tizfen fuq il-billiard, fejn wiehed minn dawn l-irgiel, allegatament Alfio Attard, qam u mar fuq Christian Gauci u qallu sabiex ma jittantax it-tfajla tieghu - b'referenza ghal din Shirley. Jirrizulta li din Shirley kienet qed tipprovoka l-irgiel, kienet libsa b'mod provokanti u kienet qed tizfen tiela' w niezla ma' kanna, waqt li kull tant hin tmiss il-parti privata taghha. Ix-xhieda jghidu li dan Alfio kien aggressiv hafna w beda jghid li huma ilkoll mill-Marsa, b'referenza ghal grupp ma' min kien. Shab dan tal-Marsa gibduh lura w xi hadd mar fuq Christian u qallu sabiex ma jaghtix kaz. Dak il-hin Christian qalilhom sabiex jiehdu hsieb lil dan ir-ragel Alfio u dar. Ftit wara marru zewgt irgiel minn dawn il-Marsin fuq ir-Rabtin, fosthom l-imputat, u wiehed minnhom kellu flixkun tal-Heineken f'idejh. Hu Christian, u cioe' Nicholas Gauci, qabad u mbbutah 'l hemm. Fid-daqqa w il-hin inqala' l-incident u bdew itiru l-flixken u xi hadd qabad u hareg lil dawn in-nies 'il barra. Jidher, kif qal l-imputat stess, li huwa qabad u tajjar il-flixkun minn idejn l-aggressur meta kien qed javvicinhom u dan waqa' ma l-art u n-nies qabdu u hargu barra . Shabu daru mieghu u ma hallewhx johrog 'il barra. Jirrizulta li minn barra twaddbu diversi

fliexken lejn it-twieqi tal-kazin. Dan il-hin, jghidu ix-xhieda, li d-DJ beda jghajjat 'Buga Buga' b'referenza ghall-imputat peress li dan kien jahdem bhala *security*.

L-imputat jghid li huwa imbotta lil Alfio 'l hemm meta rah bil-flixkun tal-Heineken sejjer ghalihom u dan waqa' ma l-art. Meta ra hekk Ivan qabad flixkun bil-qiegh imkisser u mar ghalihom. Dan Ivan dar fuqu u qallu "int ukoll" waqt li beda ixejjer il-flixkun f'wiccu, w dak il-hin sabiex jiddefendi lilu innifsu tajjarlu l-flixkun minn idjeh u tah xi daqqiet f'wiccu bic-catt sabiex jiddefendi lilu inifsu mill-aggressjoni ta' Ivan. Dan waqa' mal-art izda fil-pront qam fuq saqajgh u n-nies harguh 'il barra. Herbert Vassallo li jiggestixxi l-bar telaq jigri appena ra li kien ser ikun hemm l-inkwiet u mar jitlob l-ghajnuna minghand il-pulizija u meta gie lura sab li kien hemm hafna nies barra il-kazin.

M'hemmx dubbju li l-glieda kompliet barra u zgur li l-imputat ma kienx involut f'dik il-glieda ghaliex huwa baqa' gewwa fil-kazin bil-bieb maghluq.

Ivan Attard l-allegat vittma, a fol. 64 jghid li dwar l-incident ma jiftakar xejn. Mistoqsi jekk rax lill-imputat jghid li l-ewwel darba li rah kien fil-Qorti bhala imputat. Qal li jekk rah ma jiftakrux. Christian Gauci ( fol. 78 et seq) jikkonferma li dakinhar meta kien fil-kazin kien hemm erbgha min-nies li ma kienux mir-Rabat u li kien hemm tfajla fosthom, li wara sar jaf li jisimha Shirley, li bdiet tittantah u tipprovoka hafna nies u f'hin minnhom mar fuqu ragel, li wara sar jaf

li jismu Alfio, u beda jkellmu, pero' hu ma fehmux ghaliex dan kien fis-sakra. Wara mar ragel iehor fuqu, li sar jaf li jismu Ivan, u qallu sabiex ma jaghtix kaz Alfio ghax kien fis-sakra u hu qallu li jekk kien fis-sakra kellhom jiehduh 'l hemm. Huwa dar u tah dahru w ra lil huh gej jigri w imbotta lil dan Alfio u lil Ivan mal-art. Ra lil Alfio mal-art u dak il-hin dar u mar jaqbad lil Kenneth li lahaq imbotta lil Ivan. Jghid li Ivan qam bil-flixkun f'idejh, pero' jghid li dak il-hin in-nies kienu gja qed jigu imkeccija 'l barra mill-kazin. Meta Alfio gie mistoqsi jekk l-imputat sawwtux ( a fol. 100 ) jghid li le, pero' rah sejjer fid-direzzjoni taghhom. Shirley fix-xhieda taghha tghid li kienu tal-bar, il-konjugi Vassallo, li sawwtu lil Alfio, u mistoqsija lil min sawwat l-imputat tghid li ma tafx ghaliex gol-kazin ma ratux. Tghid li taf lill-imputat bhala *security* u ghalhekk kieku kienet tgharfu. Maria Vassallo tghid li d-DJ beda jghajjat 'Buga Buga' u cioe' l-imputat sabiex jintervjeni ghaliex kien hemm glieda u peress li huwa *security* ghandu l-esperjenza. B'mod esplicitu qalet li rat lill-imputat iferraq u jimbotta lin-nies 'il barra.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti, salv ghal dak li qal l-imputat stess, ma jirizultax li kien hemm xi hadd li ra lill-imputat iferi lil Ivan Attard. M'hemmx dubju, kif gie rapportat aktar 'il fuq, ix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni, mhiex xi wahda attendibbli u dan ghaliex kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn xhud imeri lilu nnifsu, partikolarment sid il-bar Herbert Vassallo, li xehed tliet darbiet u jaghati tliet verzjonijiet ta' dak li kien gara, il-vittma li jghid li ma jiftakar xejn u Alfio Attard li kien evasiv f'hafna mid-domandi li sarulu. Ghalhekk din il-Qorti trid toqghod biss fuq ix-xhieda li ta l-

imputat stess kemm fl-istqarijiet li kien irrilaxja u li jinsabu esebiti fl-atti kif ukoll *viva voce* fil-Qorti.

Jidher li l-imputat qabad u imbotta lil Ivan Attard ‘l hemm ghaliex dan kellu flixkun bla qiegh f’idejh u kien ser jaggredixxi lilu w lil shabu. M’hemmx dubbju li dan sehh wara li siehbu, u cioe’ Alfio, kien gja ittenta jaggredixxi lil Christian Gauci. Jirrizulta wkoll li kien hemm paniku fil-kazin u fil-pront sehhet glieda u kien hemm speci ta’ *free for all*, kulhadd jaghti u jaqla’ – bizzejjed il-Qorti tara r-ritrati li hemm inseriti fil-process, dawk mehuda mis-Scene of the Crime Officer u dawk mehuda minn Dr. Mario Scerri li jindikaw il-varji tbengil li kellhom Shirley u Alfio. Jirrizulta wkoll li f’hin minnhom meta l-imputat, kif jghid hu stess, imbotta lil Ivan Attard, dan qam fuq saqajgh u beda jxejjer il-flixkun tal-Heineken li kien bla qiegh f’qiccu. Kien dak il-hin li l-imputat irreagixxa u tah xi daqqiet f’wiccu bic-catt, kif jghid hu stess fl-istqarrija tieghu sabiex jilqa’ l-aggressjoni tal-istess Ivan Attard. L-ghan tieghu kien li jiddefendi l-persuna tieghu u ta’ shabu mill-agir tal-aggressuri taghhom.

Fil-fatt **l-Artikolu 237 tal-Kap. 9** jipprovdi kif ġej:

“*Meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd jibqa’ maqtul jew offiż fuq il-persuna, u ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża, kull wieħed li jkun ħa parti attiva kontra l-maqtul jew l-offiż, jeħel,meta jinsab ħati -*

*(a) fil-każ ta’ omiċidju, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin;*

*(b) fil-każ ta' offiża gravi li tkun ġiebet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' Priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena;*
*(ċ) fil-każ ta' offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur;*
*(d) Omissis.*'

Pero' l-**Artikolu 223 tal-Kapitolu 9** jiddisponi li:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna ... ... huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro**[1] gie ritenut illi: "*Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il- "bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.*" (sottolinear ta' dik il-Qorti).

[1] Vol. LXXXII-Part 4- pag. 294.

L-imputat qajjem ukoll id-difiza ta' legittima difesa kif kontemplata fl-**Artikolu 224 tal-Kap 9**.

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghal-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti. Fil-fatt l-**Artikolu 223** tal-Ligijiet ta' Malta, jghid :

"*ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor*."

Dan il-kliem huwa car hafna fih innifsu. L-**Artikolu 224 tal-istess Kap 9** jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

L-origini tal-**Artikoli 223 u 224 tal-Kodici Penali** ghandhom l-origini taghhom fil-***Codice delle Due Sicilie* u l-Kodici Franciz.** Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew James li gie ppresentat lill-Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici

taghna. Fil-fatt fir-***Rapporto sui progetti di legge penali e di organizzazione e procedura penali per l'Isola di Malta*** **(30/05/1835)** a fol. 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe':

"*essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni, e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese.*"

Illi ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe’ t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. *Vuol dire* li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha irrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-

Professur Mamo, il-perikolu ghandu ikun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-**Professur Mamo** jghid :

"*the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed irid jpoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li ikun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien iffaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan il-kaz bi flixkun mid-distanza li kien u cioe’ tant vicina. Huwa importanti li l-perikolu ikun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjiega **Antolisei :**

"*occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente'* (***Manuale di Diritto Penali - Parte Generale - pg. 261***).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** -[2], il-Qorti qalet li sabiex jissusisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn

[2] Vol XXIX pt iv pg. 734, deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937

perikolu imminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Din tkun wkoll il-linja mehuda fil-gurisprudenza Taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione di Roma[3]:

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

F'dan ir-rigward, l-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC**[4] - li :

"*to reach the first result, that is to say the result of complete acquital, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assualts were necessary."*

[3] *tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar,1978 (Anali della Giurisprudenza Italiana(1878) Parte Penale - pg. 56*) :

[4] ***A** Casebook of Scottish Law pg 347*

Ghalhekk sabiex tissusisti d-difiza ta' legittima difesa, jrid ikun hemm dawn it-tliet elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Rigward l-ewwel element u cioe li l-aggressjoni trid tkun ingiusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza". Skond **Antolisei** "*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto*". Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu[5] jghid:-

"*la giustificante dell articolo 52 (which corresonds to our Sec 223) non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa*".

**Professur Mamo jghid:**

"*the act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent*".

[5] *Trattato di Diritto Penale (parte generali pg. 358)*

Fit-tielet lok l-inevitabilita'. Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb**[6] il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm il-fattur tal-inevitabilita', u minghajr il-konkors ta' dan il-fattur ma jistax jinghata din l-iskriminanti. Infatti f'**Analitica della Giurisprudenza Italian*a***[7] gie deciz li:

*"per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

Sabiex il-perikolu jfisser 'situazione inevitabile', il-perikolu irid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma *necessitas est lex.*

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef**[8] li:

"*d-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-propjeta tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta u in difesa attwali taghha.*"

[6] mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar,1958
[7] pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898
[8]vol XXXIX pg 1072

Fil-fatt Canofari, **Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie** (pg. 204 - lib 11- titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-Codice delle Due Sicilie li jikkorrispondi ghall-**Artikolu 223 tal-Kap 9**, jghid:

"*la legge e protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto non il reato.*"

L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid **Carrara**[9]**:**
"*cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghiere all'acclamazione alla fuga."*

Skond l-Imhallef Harding**,** kif gie deciz fil-kawza fuq imsemmija **Il-Pulizija vs Toni Micallef,** ir-rekwizit tal-gravita' jezigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, jkun konvint li huwa agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa iddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante li l-aggressur tieghu kellu flixkun u kien ser jaggredih bih. L-imputat rreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.

[9] pg**.** 209 - 306 ***Programma***

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespsot jirrizulta li effettivament l-imputat agixxa b'mod u manjiera sabiex jidefendi lilu nnifsu mill-inkolumnita' tal-istess vittma li kien se jaggredih bil-flixkun tal-Heineken li kellu l-qiegh miksur f'xenarju fejn il-vittma kien xorob, in-nies ta' madwaru wkoll kienu xorbu, fil-paniku li kien hemm, u fil-herba ta' hgieg imkisser. Jinghad ukoll li effettivament l-ideja principali tal-imputat kienet li jferraq in-nies u jkecci n-nies 'il barra, pero' meta ra dik l-aggressjoni daqstant imminenti huwa qabad u imbotta lill-vittma 'l hemm, dan qam bil-flixkun tal-hgieg imkisser u beda jxejru f'wicc l-imputat. Kien dak l-hin li l-imputat, kif qal hu stess, irreagixxa w ta daqqtejn bic-catt. Ghalhekk ma kienx l-imputat li stieden lill-vittma ghal glied, izda agixxa biss fil-mument meta kien hemm biza' attwali li kien ser jigi milqut bil-fixkun tal-hgieg imkisser. Jinghad ukoll li wara li waqa' mal-art, il-vittma qam u harguh 'il barra, waqt li kien fuq saqajh u l-glieda kompliet barra u ghalhekk lanqas ma jirrizulta bic-car li kienet id-daqqa li tah l-imptuat li kkagunat il-ferita li sofra.

Il-Qorti thoss li l-imputat huwa gustifikat ghal dak li ghamel, fid-difiza legittima tieghu u ma addottax metodi li huma in eccess jew sproporzjonatament ghall-aggressjoni u perikolu li kien affrontat bih. Gie ezaminat wkoll l-istat mentali tal-imputat li kien bezghan u rinfaccjat b'perikolu serju u imminenti, kif haseb hu f'dak il-mument. Wiehed ma jistax jippretendi li jzomm kalm, u fil-fatt, il-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta wkoll miskalkolazzjonijiet u '*errors of judgement*'. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet li anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nniffsu fejn tali eccess ikun dovut ghall-perikolu

imminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih, jew minhabba biza' jew twerwir.

Il-Qorti hawnhekk taqbel ma' dak li jghid **Carrara** fis-sens li "***i piedi per correre sono fatti per i conigli***" u ghalhekk ma tippretendix li l-imputat kellu jitlaq jigri meta affrontat bil-perikolu.

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti tara li l-imputat kien gustifikat li agixxa b'dak il-mod tal-legittima difesa ghalih inniffsu u b'nuqqas ta' volonta' u ghalhekk qed tilqa' tali difiza.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif stipulata fl-**Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

B'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. …** ***omissis*** **… Jonathan Farrugia** nhar l-4 ta' Mejju, 2011 jinghad li:-

"*Rigward t-tieni akkuza u cioe dik kontemplata fl-artikolu 338 (dd) li voluntarjament kiser il-paci pubblika, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Pio Galea*** *deciza fis-sbatax ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie deciz li sabiex ikun hemm dan r-reat irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita*

*fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil*".

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid **Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Proceedings*** (pagna 2549) meta jikkwota dak li qal L.J. Romar fil-kaz AG v PYA Quarters:

"*that it is clear in my opinion that any niusance in public which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb ***The Criminal Law of Scotland***[10] fejn hemm tifsira ta' x'inhu paci pubblika u precizament fejn jghid:

"*whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Illi mill-provi li nstemghu m'hemmx dubju li din il-kontravenzjoni ma tistax tirrizulta ppruvata w dan fid-dawl tal-fatt li ma kienx l-agir tal-imputat li wassal ghal ksur ta' paci pubblika una volta gja kien hemm il-muzika ghaddejja, kien hemm iz-zfin u kien hemm madwar mija u

[10] pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon

hamsin ruh fil-kazin u ghalhekk il-Qorti mhiex qed ssib lill-imputat hati taghha.

Konsegwentement din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-**Artikoli 17, 31, 214, 216 (1) (a), (d), 218 (1) (a), 218 (2), 336 (dd) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat Kenneth Micallef hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li din il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**